Nru./No. 19,158
Prezz/Price
€3.96

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 29 ta' Ottubru, 2013
Tuesday, 29th October, 2013

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Proklama tal-President ta' Malta 11,907
Proclamation by the President of Malta *11,907*

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 11,908 - 11,927
Government Notices ..... *11,908 - 11,927*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 11,928 - 11,933
Employment Opportunities ..... *11,928 - 11,933*

Avviżi tal-Gvern ..... 11,934 - 11,945
Notices ..... *11,934 - 11,945*

Offerti ..... 11,946 - 11,970
Tenders ..... *11,946 - 11,970*

Avviżi tal-Qorti ..... 11,971 - 11,990
Court Notices ..... *11,971 - 11,990*

ANNO DOMINI 2013 NRU. IX

Proklama

MILL-AĠENT PRESIDENT
(L.S.) TA' MALTA

(Iff.) DOLORES CRISTINA
Aġent President

BILLI huwa pprovdut bl-artikolu 49 tal-Kostituzzjoni ta' Malta illi kull meta d-detentur tal-kariga ta' President ikun assenti minn Malta l-funzjonijiet mogħtija lilu bl-imsemmija Kostituzzjoni għandhom jiġu moqdija minn dik il-persuna li l-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kap tal-Oppożizzjoni, jista' jaħtar;

U BILLI l-President huwa assenti minn Malta;

U BILLI fit-28 ta' Ottubru, 2013, il-Prim Ministru ħatarni Aġent President għal matul iż-żmien li fih il-President ikun assenti minn Malta;

U BILLI jiena ħadt u ffirmajt kif imiss il-ġurament tal-kariga kif preskritt bl-artikolu 50 tal-imsemmija Kostituzzjoni;

ISSA, GĦALHEKK, JIENA, DOLORES CRISTINA, qiegħda hawnhekk navża u nipproklama li assumejt illum skont l-imsemmija Kostituzzjoni l-funzjonijiet ta' President ta' Malta.

Magħmula fil-Palazz, Valletta, illum, 28 ta' Ottubru, 2013.

B'Awtorità,

(Iff.) JOSEPH MUSCAT
Prim Ministru

ANNO DOMINI 2013 NO. IX

Proclamation

BY THE ACTING PRESIDENT
(L.S.) OF MALTA

(Sd.) DOLORES CRISTINA
Acting President

WHEREAS it is provided by section 49 of the Constitution of Malta that whenever the holder of the office of President is absent from Malta the functions conferred upon him by the said Constitution shall be performed by such person as the Prime Minister, after consultation with the Leader of the Opposition, may appoint;

AND WHEREAS the President is absent from Malta;

AND WHEREAS on the 28th day of October, 2013, the Prime Minister appointed me Acting President for such time as the President is absent from Malta;

AND WHEREAS I have duly taken and subscribed the oath of office as prescribed by section 50 of the said Constitution;

NOW, THEREFORE, I, DOLORES CRISTINA, do hereby notify and proclaim that I have this day under the said Constitution assumed the functions of President of Malta.

Made at the Palace, Valletta, this 28th day of October, 2013.

By Authority,

(Sd.) JOSEPH MUSCAT
Prime Minister

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1055

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru. 25 imsejjaħ Att tal-2013 li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru. 5).

Id-29 ta' Ottubru, 2013

Nru. 1056

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 19,155 tat-22 u 19,157 tal-25 ta' Ottubru, 2013, rispettivament.

A.L. 339 tal-2013: Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel (Kap. 449); Regolamenti tal-2013 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Meraq tal-Frott u Prodotti Simili.

A.L. 340 tal-2013: Att dwar il-Karti tal-Identità u Dokumenti Oħra tal-Identità (Kap. 258); Regolamenti tal-2013 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħruġ u Validità ta' Karti tal-Identità.

A.L. 341 tal-2013: Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Kap. 504); Regolamenti tal-2013 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar.

A.L. 342 tal-2013: *Authority for Transport in Malta Act (Cap. 499); Civil Aviation (Air Traffic Flow Management Regulations) 2013*.

A.L. 343 tal-2013: Att dwar it-Taxxa fuq l-Income (Kap. 123); Ordni tal-2013 dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja (Taxxi fuq l-Income) (L-Istat ta' Izrael).

A.L. 344 tal-2013: *Investment Services Act (Cap. 370); Investment Services Act (Marketing of UCITS), (Amendment) Regulations, 2013*.

A.L. 345 tal-2013: Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406); Regolamenti tal-2013 li jemendaw il-ħames skeda li tinsab mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

GOVERNMENT NOTICES

No. 1055

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 25 entitled the Criminal Code (Amendment No.5) Act, 2013.

29th October, 2013

No. 1056

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 19,155 of the 22nd and 19,157 of the 25th October, 2013, respectively.

L.N. 339 of 2013: Food Safety Act (Cap. 449); Fruit Juices and Similar Products (Amendment) Regulations, 2013.

L.N. 340 of 2013: Identity Card and Other Identity Documents Act (Cap. 258); Identity Cards (Issue and Validity) Regulations, 2013.

L.N. 341 of 2013: Environment and Development Planning Act (Cap. 504); Conservation of Wild Birds (Amendment) Regulations, 2013.

L.N. 342 of 2013: Authority for Transport in Malta Act (Cap. 499); Civil Aviation (Air Traffic Flow Management regulations) 2013.

L.N. 343 of 2013: Income Tax Act (Cap. 123); Double Taxation Relief (Taxes on Income) (The State of Israel) Order, 2013.

L.N. 344 of 2013: Investment Services Act (Cap. 370); Investment Services Act (Marketing of UCITS), (Amendment) Regulations, 2013.

L.N. 345 of 2013: Value Added Tax Act (Cap. 406); Valued Added Tax (Amendment of Fifth Schedule) Regulations, 2013.

A.L. 346 tal-2013: Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Kap. 504); Regolamenti tal-2013 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Immaniġġar ta' Skart (Vetturi fi Tmiem Żmienhom).

L.N. 346 of 2013: Environment and Development Planning Act (Cap. 504); Waste Management (End of Life Vehicles) (Amendment) Regulations, 2013.

A.L. 347 tal-2013: Att dwar il-Kontroll tal-Pestiċidi (Kap. 430); Regolamenti tal-2013 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Bijoċidi (Emenda Nru. 3).

L.N. 347 of 2013: Pesticides Control Act (Cap. 430); Biocides (Amendment No. 3) Regulations 2013.

A.L. 348 tal-2013: Att dwar il-Kontroll tal-Pestiċidi (Kap. 430); Regolamenti tal-2013 dwar Prodotti Bijoċidali (Implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru. 528/2012).

L.N. 348 of 2013: Pesticides Control Act (Cap. 430); Biocidal Products (Implementation of Regulation (EU) No. 528/2012) Regulations 2013.

A.L. 349 tal-2013: Att dwar il-Mediċini (Kap. 458); Regolamenti tal-2013 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq ta' Mediċini).

L.N. 349 of 2013: Medicines Act (Cap. 458); Medicines (Marketing Authorisation) (Amendment) Regulations, 2013.

A.L. 350 tal-2013: Att dwar il-Mediċini (Kap. 458); Regolamenti tal-2013 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Tqassim bl-Ingrossa u Senserija ta' Prodotti Mediċinali u Sustanzi Attivi.

L.N. 350 of 2013: Medicines Act (Cap. 458); Wholesale Distribution and Brokering of Medicinal Products and Active Substances (Amendment) Regulations, 2013.

A.L. 351 tal-2013: Att dwar il-Mediċini (Kap. 458); Regolamenti tal-2013 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Tqegħid ta' Tikketti u Ppakkettjar ta' Prodotti Mediċinali.

L.N. 351 of 2013: Medicines Act (Cap. 458); Medicinal Products (Labelling and Packaging) (Amendment) Regulations, 2013.

A.L. 352 tal-2013: Att dwar il-Mediċini (Kap. 458); Regolamenti tal-2013 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Farmakoviġilanza.

L.N. 352 of 2013: Medicines Act (Cap. 458); Pharmacovigilance (Amendment) Regulations, 2013.

A.L. 353 tal-2013: *Product Safety Act (Cap. 427); Explosives Ordinance (Cap. 33) Placing on the Market of Pyrotechnic Articles (Amendment) Regulations, 2013*.

L.N. 353 of 2013: Product Safety Act (Cap. 427); Explosives Ordinance (Cap. 33) Placing on the Market of Pyrotechnic Articles (Amendment) Regulations, 2013.

A.L. 354 tal-2013: Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd (Kap. 425); Ordni tal-2013 dwar l-Implimentazzjoni u l-Infurzar ta' Ċertu Pjanijiet ta' Ġestjoni tas-Sajd.

L.N. 354 of 2013: Fisheries Conservation and Management Act (Cap. 425); Implementation and Enforcement of Certain Fisheries Management Plans Order, 2013.

A.L. 355 tal-2013: Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318); Ordni tal-2013 dwar Żjieda fir-Rati ta' Benefiċċji.

L.N. 355 of 2013: Social Security Act (Cap. 318); Increase in the Rates of Benefits Order, 2013.

Id-29 ta' Ottubru, 2013

29th October, 2013

Nru. 1057

No. 1057

IL-PRIM MINISTRU JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Joseph Muscat, K.U.O.M, B.Com., B.A. (Hons.), M.A.(European Studies), Ph.D. (Bristol), M.P., reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Ottubru, 2013 u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1040 tal-25 ta' Ottubru, 2013, ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

IT is notified for general information that the Hon. Joseph Muscat, K.U.O.M., B.Com., B.A. (Hons.), M.A. (European Studies), Ph.D. (Bristol), M.P., resumed duties as Prime Minister on Friday, 25th October, 2013 and that the arrangements made by Government Notice No.1040 of the 25th October, 2013, ceased to have effect accordingly.

It-28 ta' Ottubru, 2013
(OPM/81/2013/III)

28th October, 2013

Nru. 1058

ATT DWAR IL-ĠUSTIZZJA AMMINISTRATTIVA (KAP. 490)

Elenki fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva

NGĦARRFU illi skont l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, il-President ta' Malta, fit-23 ta' Ottubru 2013, fuq il-parir tal-Prim Ministru, approva l-ħatra bħala Assistent tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għal perjodu ta' erba' (4) snin kif jidher hawn taħt:

Elenku dwar it-Trasport
Dott. Andrew Sciberras LL.D.

L-24 ta' Ottubru, 2013
(MJHA/166/2008)

No. 1058

ADMINISTRATIVE JUSTICE ACT (CAP. 490)

Panels of Administrative Review Tribunal

It is notified that in terms of the Administrative Justice Act (Cap. 490) the President on the 23rd October 2013, acting on the advice of the Prime Minister, approved the appointment as Assistant of Administrative Review Tribunal for a period of four (4) years, the following:

Transport Panel
Dr Andrew Sciberras, LL.D.

24th October, 2013

Nru. 1059

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR (PROTEZZJONI ĊIVILI)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru tal-Intern u Sigurtà Nazzjonali approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Albert Tabone	Direttur *Director*	Protezzjoni Ċivili *Civil Protection*	24.10 - 27.10.2013

Id-29 ta' Ottubru, 2013

No. 1059

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR (CIVIL PROTECTION)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Home Affairs and National Security has approved the following acting appointment:–

29th October, 2013

Nru. 1060

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (KUMMERĊ)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Negozji Żgħar approva l-ħatra temporanja li ġejja:-

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Noel Bartolo	Direttur Ġenerali *Director General*	Kummerċ *Commerce*	28.10 – 31.10.2013

Id-29 ta' Ottubru, 2013

No. 1060

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (COMMERCE)

THE Permanent Secretary in the Ministry for the Economy, Investment and Small Business, has approved the following acting appointment:-

29th October, 2013

Nru. 1061

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA

Ħatriet ta' Diversi Bordijiet fil-Ministeru għas-Saħħa

Awtorità dwar il-Protezzjoni tal-Embrijuni

NGĦARRFU b'din illi b'referenza għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 458 tal-31 ta' Mejju, 2013, il-Kumitat dwar il-Protezzjoni tal-Embrijuni kellu jkun l-Awtorità dwar il-Protezzjoni tal-Embrijuni.

Id-29 ta' Ottubru, 2013

No. 1061

MINISTRY FOR HEALTH

Appointment of Various Boards within the Ministry for Health

Embryo Protection Authority

IT is hereby notified that with reference to Government Notice No. 458 dated 31st May, 2013, the Embryo Protection Committee should have read Embryo Protection Authority.

29th October, 2013

Nru. 1062

MINISTERU GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI, L-AMBJENT U TIBDIL FIL-KLIMA

Skema ta' Kumpens għall-Waqfien Temporanju u Volontarju tal-Attivitajiet tas-Sajd

IL-MINISTRU għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima, u s-Segretarju Parlamentari għall-Agrikultura, is-Sajd u Drittijiet tal-Annimali, fid-dawl tal-bżonn li jkun hemm għajnuna finanzjarja lis-sidien ta' dgħajjes li joperaw fis-sajda tal-pixxispad li huma lesti li fuq bażi volontarja jidħlu fi ftehim għall-waqfien totali mill-attivitajiet tas-sajd kollu biex ma jiżdiedx l-isforz tas-sajd fuq sajdiet oħra qegħdin iwaqqfu Skema ta' kumpens għax-xahar ta' Novembru 2013 għal dawn is-sidien hekk kif ġej:

1. Tifsir

F'din l-iskema, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xorta oħra:

"Direttur" tfisser id-Direttur responsabbli għas-Sajd.

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima.

"Sid" tfisser il-persuna naturali jew ġuridika taħt min il-bastiment tas-sajd huwa rreġistrat.

2. Min Jista' Jikkwalifika għal din l-Għajnuna

Din l-għajnuna tingħata lil kulmin huwa sid ta' bastiment tas-sajd li għandu permess għas-sajd tal-pixxispad waqt l-2013. Il-bastiment hekk liċenzjat ma jridx jkun għamel ebda attività tas-sajd waqt ix-xahar ta' Novembru 2013. Is-sid tal-bastiment tas-sajd għandu jkun iddikjara €15,000 jew iktar f'għalmenu waħda mit-tliet snin ta' qabel.

Min għandu l-liċenzja tal-lampuki ma huwiex eliġibbli.

No. 1062

MINISTRY FOR SUSTAINABLE DEVELOPMENT, THE ENVIRONMENT AND CLIMATE CHANGE

Compensation scheme for the voluntary Temporary Cessation of Fishing Activities

THE Minister for Sustainable Development, the Environment and Climate Change, and the Parliamentary Secretary for Agriculture, Fisheries and Animal Rights, in view of the need to further provide for financial assistance to owners of vessels operating in the swordfish fishery who are willing to engage in a voluntary temporary cessation of all fishing activities in order not to increase the general fishing effort on other fish stocks, are instituting a Compensation Scheme during the month of November 2013 for such owners as follows:

1. Definitions

In this scheme, unless the context requires otherwise:

"Director" means the Director responsible for Fisheries;

"Minister" means the Minister responsible for Sustainable Development, the Environment and Climate Change.

"owner" means the natural or legal person under whom a fishing vessel is registered.

2. Who is eligible for such Assistance?

This assistance is provided to whoever is an owner of a fishing vessel which was licenced for the swordfish fishery during 2013. The licenced fishing vessel should not have carried out any fishing activities during November 2013. The owner of a fishing vessel should have declared €15,000 or more during at least 1 of the previous 3 years.

Whoever is in possession of a licence for fishing for dolphin-fish is not eligible.

3. Kif Persuna Tikseb id-Dritt għal din l-Għajnuna

1. Din l-għajnuna tingħata permezz ta' talba, liema talba trid issir fuq formola apposta maħruġa mid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akwakultura. Din il-formola tista' tinkiseb mingħand il-koperattivi tas-Sajjieda jew mid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akwakultura.

2. Kull talba li ssir għandha tinkludi t-tagħrif, dettalji u dokumenti li ġejjin:

(a) dokumenti dwar id-dħul u l-assi (fejn dan ikun japplika);

(b) *Income Tax Return*;

(c) Kopja tal-liċenzja tal-bastiment jew dikjarazzjoni mingħand il-Kaptan tal-Bastiment.

(d) Għandu jkun rreġistrat mal-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ bħala sajjied fl-2013.

3. Talba għal din l-għajnuna:

(a) ma titqiesx li tkun valida kemm-il darba ma jkollhiex mehmuża magħha d-dokumenti kollha meħtieġa; u

(b) id-dritt għal għajnuna bħal din għandu jibda jgħodd biss mill-jum li fih jibda l-istagun maghluq hekk kif iddikjarat mid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akwakultura.

(c) Fil-kaz ta' sidien bi sħab applikazzjoni waħda għal kull bastiment tiġi aċċettata.

4. Id-Direttur jista', minn żmien għal żmien, jitlob kull dokument ieħor li jista' jkun meħtieġ sabiex it-talba tkun tista' tiġi proċessata, riveduta jew imġedda u jista' jaghmel użu mill-informazzjoni li teżisti fid-Dipartiment.

4. Id-Dħul li Jiġi Kkunsidrat u Meta Jieqaf id-Dritt għall-Għajnuna

Meta persuna tikkwalifika għal din l-għajnuna, id-dritt għal din l-għajnuna jintemm awtomatikament meta d-dgħajsa ma tibqax marbuta fil-port u tintuża għal kwalunkwe attività oħra fuq il-baħar. Id-dritt għal din l-għajnuna jintemm awtomatikament ukoll jekk il-persuna tieħu sehem f' attivitajiet ta' xogħol ieħor.

5. Fiex Tikkonsisti l-Għajnuna?

Fil-każ ta' dritt, din l-għajnuna tikkonsisti f'pagament ekwivalenti għall-kontribuzzjoni soċjali mħallsa f'dan il-perjodu ta' waqfien mis-sajd u ta' kumpens ta' €1,000 għal kull bastiment.

3. How does a Person Acquire the Right for this Assistance

1. This assistance is awarded through a claim, which must be submitted on the form provided by the Department of Fisheries and Aquaculture. This form may be obtained from the Fishers' Cooperatives or from the Department of Fisheries and Aquaculture.

2. Any application made should include the following information, details and documentation:

(a) Documentary evidence showing income and capital assets (where applicable);

(b) Income Tax Return;

(a) A copy of the vessel license or a declaration by the Master of the Vessel.

(b) Be registered with the Employment and Training Corporation as a fisherman in 2013.

3. A claim for such assistance:

(a) will not be considered valid unless all the required documents are attached to it; and

(b) the right for such assistance shall only accrue from the date such an application has been officially received by the Department of Fisheries and Aquaculture;

(c) In the case of co-owners only 1 application per vessel will be accepted.

4. The Director shall, from time to time, request any other document that may be required so that the claim may be processed, revised or renewed and may make use of any documentation present at the Department.

4. Income that is calculated and when the right for such Assistance is lost

When a person qualifies for this assistance, the right for such assistance is automatically lost when the vessel is no longer anchored in port and is used in other activities on the sea. The right for such assistance is automatically lost also if the person engages in other work activities.

5. What does such Assistance consist of?

In the case of entitlement, this assistance consists of a payment equal to the social contributions paid during the period of inactivity and of a compensation of €1,000 per vessel.

6. Kif isir il-Ħlas?

1. Din l-għajnuna għandha tingħata f'forma ta' *cheque* li jintbagħat bil-posta.

2. Dan iċ-*cheque* se jkun validu għal sitt xhur mid-data tal-ħruġ tiegħu.

7. Għoti ta' Informazzjoni Falza jew Nuqqas ta' Tħaris tal-Klawsoli ta' Din l-Iskema

Fil-każ li tingħata informazzjoni falza jew fin-nuqqas li jiġi rrappurtat lid-Direttur xi bdil fiċ-ċirkostanzi, l-applikant ikun soġġett għal kull azzjoni legali neċessarja.

8. Tul tal-Iskema

Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din l-iskema hija l-istess data ta' pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u tiġi tterminata fl-aħħar tal-2013.

9. Emendi għall-Iskema

Il-Ministru jkun jista' jagħmel dawk l-emendi meħtieġa għal din l-iskema billi jippubblika dawk l-emendi fil-Gazzetta tal-Gvern.

10. Dispożizzjonijiet Tranżitorji

Applikazzjonijiet magħmula taħt l-Avviż taħt l-iskema ta' kumpens sabiex jiġi mitigat l-impatt tal-istagun magħluq tal-pixxispad, u d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din l-iskema għandhom jitqiesu bħala applikazzjonijiet validi għall-għoti tal-għajnuna skont din l-iskema.

Id-29 ta' Ottubru, 2013

6. How shall it be paid?

1. This assistance shall be paid by means of a cheque that will be mailed by post.

2. This cheque, will be valid for a period of six months from date of issue.

7. Whenever False Information is given or Failure to conform to the Provisions of the Scheme

In case of providing information that results to be false or in the case of a change in circumstances that the Director has not been made aware of, the applicant will be liable to necessary legal action.

8. Duration of the Scheme

The date when this scheme comes into force shall be the date of publication and will terminate on the end of 2013.

9. Amendments to the Scheme

The Minister shall make the necessary amendments to this scheme by publishing the said amendments in the Government Gazette.

10. Transitional Dispositions

Claims made under Notice with regards to the Compensation Scheme to Mitigate the Effect of the Swordfish Closed Season, and the date when this scheme is put into force shall be considered as valid claims for awarding such assistance according to this scheme.

29th October, 2013

Nru. 1063

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (Kap. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat in-Nutar Michael Joseph Galea bħala Nutar Delegat/Konservatur tal-Atti tan-Nutar Pierre Attard, sakemm dan ikun nieqes minn dawn il-Gżejjer mil-31 ta' Ottubru, 2013 sal-5 ta' Novembru, 2013.

Illum, 22 ta' Ottubru, 2013.

MARY JOSETTE MUSÙ
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali Ċivili

No. 1063

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (Cap. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by Article 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Michael Joseph Galea, to be Notary Delegate/Keeper of the Acts for Notary Pierre Attard, during the latter's absence from these Islands from the 31st October, 2013 till the 5th November, 2013.

This day, 22nd October, 2013.

MARY JOSETTE MUSÙ
For the Registrar Civil Courts and Civil Tribunals

Nru. 1064

ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 504)

Skedar ta' Proprjetà

Ir-Rabat u L-Imdina

L-AWTORITÀ ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar b'din tiddikjara il-proprjetajiet li ġejjin (ara l-mapep f'paġni minn 11,915 sa 11,921 bħala inklużi fil-Lista ta' Proprjetà Skedata, skont l-artikolu 81 tal-Att tal-2010 dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, kif ġej.

1. Iż-Żona ta' Importanza Arkeoloġika, hekk kif diġà skedata permezz ta' N.G.766/98 skont it-termini tal-*Policies* ARC1, RCO1 u RCO3 tal-Pjan ta' Struttura, qiegħda tiġi estiża kif indikat fuq il-pjanta A fuq paġna 11,915.

2. Dawn is-siti li kienu diġà skedati permezz ta' N.G.766/98, qed ikollhom il-limiti tagħhom estiża, abbażi ta' sejbiet u studji ġodda li saru fi żminijiet aktar reċenti, kif indikat fuq il-pjanti f'paġna 11,916.

Il-Katakombi Paleokristjani tal-Mixtla ta' San Pawl, Rabat (Sit 25, Pjanta 1b f'paġna 11,918).

Il-Grotta ta' San Pawl, Ir-Rabat (Sit 27, Pjanta 1c f'paġna 11,919).

Il-Katakombi Paleokristjani ta' San Pawl, Ir-Rabat (Sit 28, Pjanta 1b f'paġna 11,918).

3. L-istat ta' skedar tas-siti l-oħra li kienu diġà skedati permezz ta' N.G.766/98 (Siti 1-49, Mapep 1a-1e) qed jiġi kkonfermat kif eżistenti f'paġna 11,917 sa 11,921.

4. Skont it-termini tal-*Policy* ARC1, ARC 2, ARC6 u ARC7 tal-Pjan ta' Struttura u *Policy* NWCO4 tal-Pjan Lokali, l-Awtorità tiddikjara is-siti 50-125 fuq il-Mapep 1a-1e annessi bħala siti ta' importanza arkeoloġika ta' Klassi B.

5. Skont it-termini tal-*Policy* ARC7 tal-Pjan ta' Struttura, il-fdalijiet arkeoloġiċi ta' strutturi, postijiet ta' dfin u depożiti li għadhom mhux magħrufa u li jinsabu fiż-żona ta' Importanza Arkeoloġika tar-Rabat u l-Imdina huma ddikjarati bħala ta' Klassi B skont it-termini tal-*Policy* ARC 2 tal-Pjan ta' Struttura u Policy NWCO4 tal-Pjan Lokali.

L-Awtorità dwar l-Ambjent u l-Ippjanar teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'artikoli 81, 86, 87, 88 u 90 tal-Att, fil-każ ta' xi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Att tal-2010 dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp f'dak li jirrigwarda proprjetà skedata.

Id-29 ta' Ottubru, 2013

No. 1064

ENVIRONMENT AND DEVELOPMENT PLANNING ACT, 2010 (CAP. 504)

Scheduling of Property

Rabat and Mdina

THE Malta Environment and Planning Authority is hereby declaring the following properties (see maps on pages from 11,915 to 11,921) as included in the List of Scheduled Property in terms of Article 81 of the Environment and Development Planning Act, 2010, as follows.

1. The Area of Archaeological Importance, already scheduled as per G.N. 766/98 in terms of Structure Plan Policy ARC1, RCO1 and RCO3, is being extended as indicated on Map A on page 11,915.

2. The extent of the following sites, which are already scheduled as per G.N. 766/98, is being extended on the basis of recent discoveries and studies, as indicated on the attached plans on page 11,916.

Mixtla ta' San Pawl Paleochristian Catacombs, Rabat (Site 25, Map 1b on page 11,918).

St Paul's Grotto complex, Rabat (Site 27, Map 1c on page 11,919).

St. Paul's Paleochristian Catacombs, Rabat (Site 28, Map 1b on page 11,918).


3. The scheduling status of the remaining sites already scheduled in G.N. 766/98 (Sites 1-49, Maps 1a-1e) is hereby being confirmed as existing on pages 11,917 to 11,921.

4. On the basis of Structure Plan Policies ARC1, ARC2, ARC6 and ARC7 and Local Plan Policy NWCO4, the Authority declares Sites 50-125 on Maps 1a-1e attached as scheduled Class B sites of archaeological importance.

5. In line with Structure Plan Policy ARC7, all the undiscovered archaeological structural and funerary remains and deposits within the Rabat and Mdina Area of Archaeological Importance are designated as CLASS B in terms of Structure Plan Policy ARC 2 and Local Plan Policy NWC04.

The Malta Environment and Planning Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in articles 81, 86, 87, 88 and 90 of the Act, in the case of any contravention to the provisions of the Environment and Development Planning Act 2010 as regards to Scheduled Property.

29th October, 2013



St. Francis Ravelin
Floriana
www.mepa.org.mt
Tel:(+356)2290 0000
Fax:(+356)2290 2295

MEPA

Malta Environment & Planning Authority

(c) Copyright Planning Authority


Bounding Co-Ords.of Map :-
Min E48550, N74750
Max E49300, N75420


Title : **Area of Archaeological Importance Rabat & Imdina**

Ref No.: **GF 274/97** | Map No.: **A**

Legend :-

- Area of Archaeological Importance boundary as scheduled as per G.N. 766/98
- Extension to Area of Archaeological Importance boundary
- Archaeological features already scheduled as per G.N. 766/98
- Newly discovered archaeological features - Class B


St. Francis Ravelin
Floriana
www.mepa.org.mt
Tel:(+356)2290 0000
Fax:(+356)2290 2295
MEPA
Malta Environment
& Planning Authority
(c) Copyright Planning Authority
Bounding Co-Ords.of Map :-
Min E48550, N74750
Max E49300, N75420
Title : Area of Archaeological Importance Rabat & Imdina
Ref No.: GF 274/97
Map No.: 1
1
1a
1b
1c
1d
1e
Legend :-
Amended Area of Archaeological Importance boundary
Archaeological features already scheduled as per G.N. 766/98
Newly discovered archaeological features - Class B
Inset maps cross-reference
N
0
200
400
600
800m
1a
1b
1c
1d
1e



St. Francis Ravelin
Floriana
www.mepa.org.mt
Tel:(+356)2290 0000
Fax:(+356)2290 2295

MEPA

Malta Environment & Planning Authority

(c) Copyright Planning Authority

Bounding Co-Ords.of Map :-
Min E48550, N74750
Max E49300, N75420

Title : **Area of Archaeological Importance Rabat & Imdina Detailed map**

Ref No.: **GF 274/97** Map No.: **1a**

1 | **1a** | 1b | 1c | 1d | 1e

Legend :-


Amended Area of Archaeological Importance boundary


1-49 — Archaeological features already scheduled as per G.N. 766/98 *


50-125 — Newly discovered archaeological features - Class B

*** 25, 27, & 28 - Sites already scheduled, but their extent increased as a result of further studies**

St. Francis Ravelin
Floriana
www.mepa.org.mt
Tel:(+356)2290 0000
Fax:(+356)2290 2295
MEPA
Malta Environment
& Planning Authority
(c) Copyright Planning Authority
Bounding Co-Ords.of Map :-
Min E48550, N74750
Max E49300, N75420
Title : Area of Archaeological Importance
Rabat & Imdina
Detailed map
Ref No.: GF 274/97
Map No.: 1b
1
1a
1b
1c
1d
1e
Legend :-
Amended Area of Archaeological Importance boundary
Archaeological features already scheduled as per G.N. 766/98 *
1-49
Newly discovered archaeological features - Class B
50-125
* 25, 27, & 28 - Sites already scheduled, but their extent increased as a result of further studies
N
0
50
100
150
200m
TRIQ PIERRE MUSCAT
TRIQ TA'DASGWA
TRIQ PAWLI INGUANEZ
TRIQ TONI FARRUGIA
TRIQ PATRI G.A. BONELLI
DAMLET ID-DEJR
TRIQ IL-WORBE JA
TRIQ MONS. A. BUHAGIAR
TRIQ MONS. P. PACIFICI
TRIQ IL-FIDU QUDDIEM
VJAL IL-MADDIEM
Ghar Barka


St. Francis Ravelin
Floriana
www.mepa.org.mt
Tel:(+356)2290 0000
Fax:(+356)2290 2295
MEPA
Malta Environment
& Planning Authority
(c) Copyright Planning Authority
Bounding Co-Ords.of Map :-
Min E48550, N74750
Max E49300, N75420
Title : Area of Archaeological Importance
Rabat & Imdina
Detailed map
Ref No.: GF 274/97
Map No.: 1c
1 1a 1b 1c 1d 1e
Legend :-
Amended Area of Archaeological Importance boundary
1-49 Archaeological features already scheduled as per G.N. 766/98 *
50-125 Newly discovered archaeological features - Class B
* 25, 27, & 28 - Sites already scheduled, but their extent increased as a result of further studies
0 50 100 150 200m
N
RABAT


St. Francis Ravelin
Floriana
www.mepa.org.mt
Tel:(+356)2290 0000
Fax:(+356)2290 2295
MEPA
Malta Environment
& Planning Authority
(c) Copyright Planning Authority
Bounding Co-Ords.of Map :-
Min E48550, N74750
Max E49300, N75420
Title :
Area of Archaeological
Importance
Rabat & Imdina
Detailed map
Ref No.: GF 274/97
Map No.: 1d
1 1a 1b 1c 1d 1e
Legend :-
Amended Area of Archaeological
Importance boundary
1-49
Archaeological features already
scheduled as per G.N. 766/98 *
50-125
Newly discovered archaeological
features - Class B
* 25, 27, & 28 - Sites already scheduled, but their
extent increased as a result of further studies
0 50 100 150 200m
N



St. Francis Ravelin
Floriana
www.mepa.org.mt
Tel:(+356)2290 0000
Fax:(+356)2290 2295

MEPA

Malta Environment & Planning Authority

(c) Copyright Planning Authority

Bounding Co-Ords.of Map :-
Min E48550, N74750
Max E49300, N75420

Title : **Area of Archaeological Importance Rabat & Imdina Detailed map**

Ref No.: **GF 274/97** Map No.: **1e**

1 | 1a | 1b | 1c | 1d | **1e**

Legend :-

Amended Area of Archaeological Importance boundary

1-49 Archaeological features already scheduled as per G.N. 766/98 *

50-125 Newly discovered archaeological features - Class B

*** 25, 27, & 28 - Sites already scheduled, but their extent increased as a result of further studies**

Nru. 1065

ATT DWAR IL-*CONDOMINIA*
(Kap. 398)

B'DIN qed ngħarraf li jiena rċevejt applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' u/jew emendi tar-regolamenti li jirregolaw l-imsemmija *condominia:-*

Nru. tal-Condominium *Condominium No.*	Indirizz tal-Condominium *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Registrazzjoni *Date of Registration*
768	The Trend Seafront Triq it-Torri, Sliema	Reġistrazzjoni tar-regolamenti/ *Registration of Rules*	29/8/2012
769	The Trend Garages Triq it-Torri, Sliema	Reġistrazzjoni tar-regolamenti/ *Registration of Rules*	29/8/2012
770	The Trend Town Court Triq Ġorġ Borg Sliema	Reġistrazzjoni tar-regolamenti/ *Registration of Rules*	29/8/2012
933	Derwent Court Triq Hompesch Bubaqra, *Żurrieq*	Reġistrazzjoni tar-regolamenti/ *Registration of Rules*	22/10/2013
931	Garage Complex Formanti parti mill-blokk flats Bl-isem 'Pietro Floriani Mansions' 10, Pjazza Sir Luigi Preziosi, Floriana	Reġistrazzjoni tar-regolamenti/ Registration of Rules	15/10/2013

Dott. Keith Francis German, LL.D.
Reġistratur tal-Artijiet

Id-29 ta' Ottubru, 2013

No. 1065

CONDOMINIUM ACT
(Cap. 398)

NOTICE is hereby given that I have received an application for the registration of and/or amendment to rules regulating the following condominia:-

Dr Keith Francis German, LL.D.
Land Registrar

29th October, 2013

Nru. 1066

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA)
(KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 14 ta' l-imsemmi Att kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
29. 10.13	€31.594	€0.548

Id-29 ta' Ottubru, 2013

No. 1066

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

29th October, 2013

Nru. 1067

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'ĦAL TARXIEN

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kapitolu 10), il-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura għoġbu jordna illi n-numri/ismijiet ta' bibien fit-triq imsemmija f'Ħal Tarxien, hawn taħt elenkati u speċifikati f'din l-iskeda, għandhom jinbidlu kif jidher fl-iskeda msemmija.

No. 1067

RENUMBERING OF DOORS AT ĦAL TARXIEN

IN exercise of the powers conferred by Section 115 of the Code of Police Laws (Chapter 10), the Minister for Transport and Infrastructure has been pleased to order that the numbers/names of the doors in the undermentioned street at Ħal Tarxien, specified in the subjoined schedule, be altered as stated in the said schedule.

SKEDA/*SCHEDULE*

ĦAL TARXIEN

TRIQ IL-FIERES

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Dun Ġwann Mamo

Left side entering from Triq Dun Ġwann Mamo

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru Ġdid *New Number*
1, Anay	1
JaydenFaith	3
Solandra	5
Garaxx	7
Dar	9
Garaxx	11
8	13
Queen	15
Garaxx	17
Garaxx	19
Garaxx	21
Garaxx	23
Garaxx	25
Flattijiet	27
Garaxx	29
La Rochelle	31
Garaxx	33
Charmar	35
Garaxx	37
Garaxx	39

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Dun Ġwann Mamo

Right side entering from Triq Dun Ġwann Mamo

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru Ġdid *New Number*
Binja tal-Qala, Ent. A	2
Garaxx	4
Garaxx	6
Shamrock	8
24, Notre Reve	10
Garaxx	12
Garaxx	14
Ġiżimina	16
Cristallina	18
Garaxx	20
21	22
Garaxx	24
Leumas	26
Garaxx	28
Garaxx	30
19	32
18	34
Garaxx	36
Garaxx	38
Flattijiet	40

Isem/Numru Qadim Old Name/Number	Numru Ġdid New Number	Isem/Numru Qadim Old Name/Number	Numru Ġdid New Number
Begonia	41	Garaxx	42
Charvin	43	Garaxx	44
Garaxx	45	Garaxx	46
Beehive	47	Garaxx	48
Garaxx	49	Kampanella	50
Garaxx	51	Tamarisk	52
Saturn	53	Solitaire	54
Mystic Rose	55	Garaxx	56
Garaxx	57	Garaxx	58
Etoile De La Mer	59	St Rita	60
Garaxx	61	Andyken	62
Daħla għall-garaxxijiet	63	Garaxx	64
Saint Michael	65	Garaxx	66
Garaxx	67	Memoirs	68
Madonnina	69	Monderine	70
Garaxx	71	Garaxx	72
Dar	73	Teresa Spinelli	74
Garaxx	75	Garaxx	76
Nikita	77	Aidlinc	78
Garaxx (St Rita)	79	Amyrillis	80
Garaxx	81	Dar	82
Shalom	83	Daħla għall-garaxxijiet	84
Lawrence	85	Garaxx	86
Garaxx	87	Garaxx	88
Dar	89	Glen Waverley	90
Dar	91	Maria Annunzjata	92
Daħla għall-garaxxijiet	93	Garaxx	94
St Mary	95	Danio	96
Garaxx	97	Garaxx	98
Ave Maria	99	Sunrise	100
Garaxx	101	Garaxx	102
Garaxx	103	Teotesa	104
White Lady	105	Garaxx	106
Edelweiss	107	Garaxx	108
Kmajra	109	John House	110
Garaxx	111	Garaxx	112
Garaxx	113	Garaxx	114
Ishmael	115	Twan Dor	116
		Garaxx	118
		Garaxx	120
		Garaxx	122
		Reveil	124
		Ħanut	126
		Garaxx	128
		Chardon	130
		Garaxx	132
		Garaxx	134

Id-29 ta' Ottubru, 2013 29th October, 2013

Nru. 1068

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-KALKARA

IL-MINISTRU għat-Trasport u l-Infrastruttura b'din jordna li n-numri tal-bibien fil-Kalkara għandhom jinqraw kif ġej:-

No. 1068

RENUMBERING OF DOORS AT IL-KALKARA

THE Minister for Transport and Infrastructure hereby orders that the door numbers in Il-Kalkara should read as follows :-

SKEDA/*SCHEDULE*

IL-KALKARA

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru Ġdid *New Number*
1, Villa Del Porto	1
2, Dar	2
3, Garaxx	3
Garaxx	3A
Garaxx	3B
4	4
Garaxx	5
Garaxx	6
La Gozitana	7
Garaxx	8
Garaxx	8A
9	9
10	10
Garaxx	11
12	12
13	13
14	14
15	15
16	16
17	17
Bieb	18
Garaxx	19
20	20
21	21
Bieb	22
23	23
24	24
25	25
27	27
28, Garaxx	28
29	29
Garaxx	30
31	31

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru Ġdid *New Number*
Bieb	32
34	34
Garaxx	35
36, Garaxx	36
37	37
Garaxx	38
Garaxx	39
40, Christine	40
Bieb	41
Bieb	42
Dar	43
Garaxx	44
Dar	45
Ħanut	46
47	47
Garaxx	48
Garaxx	49
Dar	50
Dar	51
52	52
Bieb	53
Bieb	54
55	55
56, Little Nook	56
58	58
Sit bla bini	59
Sit bla bini	60
61	61
Ħanut	62
Garaxx	63
64	64
Club	65
Ħanut	66
Ħanut	66A
Ħanut	67
68	68
Ħanut	69
Ħanut	69A
70	70

Nru. 1069

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-MOSTA

Prolungament

B'REFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 739, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-13 ta' Awwissu, 2013, taħt it-titolu 'Numri Ġodda ta' Bibien fil-Mosta', għandu jsir dan il-prolungament:

No. 1069

RENUMBERING OF DOORS AT IL-MOSTA

Prolongation

WITH reference to Government Notice No. 739, published in Government Gazette dated 13th August, 2013, under the title of 'Renumbering of Doors at Il-Mosta', the following prolongation should be made:

IL-MOSTA

TRIQ WIED IL-GĦASEL

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Pont

Left side entering from Triq il-Pont

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Pont

Right side entering from Triq il-Pont

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	74

Għandhom jiżdiedu

Should be added

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru ġdid *New Number*
Id-Dwejra	76
Garaxx	78
Xewqti	80

Id-29 ta' Ottubru, 2013

29th October, 2013

L-UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Post ta' Uffiċjal Legali *Junior*
fid-Direttorat tal-Iżvilupp tal-*Policy*
u Implimentazzjoni ta' Programmi

*(Approvazzjoni skont il-***capacity building***
datata s-7 ta' Awwissu 2013)

Skont klawsola 3.1(l) tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Id-Direttur Ġenerali (*Support Services)* f'isem is-Segretarju Permanenti Ewlieni, Uffiċċju tal-Prim Ministru, jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Uffiċjal Legali *Junior* fid-Direttorat tal-Iżvilupp tal-*Policy* u Implimentazzjoni ta' Programmi fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Is-salarju ta' Uffiċjal Legali *Junior* huwa ta' Skala ta' Salarju 9, €17,753.02 fis-sena, li jiżdied b'€447.33 fis-sena sa massimu ta' €20,437.

2.2 Persuna fil-grad ta' Uffiċjal Legali *Junior* tiġi promossa għall-grad ta' Uffiċjal Legali fi Skala 8 (€18,939.02 x €486.83 - €21,860) wara sentejn (2) servizz fil-grad ta' Uffiċjal Legali *Junior*, dejjem jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti, u basta jkollha mill-anqas tliet (3) snin ta' prattika legali ppruvati wara li tkun kisbet il-*warrant* ta' Avukat.

2.3 Persuna fil-grad ta' Uffiċjal Legali titla' fi Skala 7 (€20,234.98 x €531.17 - €23,422) wara sitt (6) snin servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.4 Il-persuna appuntata ma titħalliex tipprattika l-professjoni tagħha privatament.

Dmirijiet

3.1 Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' Uffiċjali Legali *Junior* jinkludu:

i) Li teżerċita l-professjoni tagħha, b'mod partikolari fil-monitoraġġ tal-aspetti relatati mal-affarijiet Ewropej fid-*dossier* tal-Ġustizzja;
ii) Li tassisti lid-Direttur f'oqsma li jkunu jeħtieġu interpretazzjoni legali;
iii) Li tirriċerka, tanalizza u tħejji rakkomandazzjonijiet u pożizzjonijiet dwar kwistjonijiet li jista' jkun qed jaħdem fuqhom id-Direttorat;
iv) Li tfassal memoranda, *dossiers* tal-laqgħat, inklużi *Instruction Notes*, *Briefing Notes*, u *Background Notes*, u dokumenti oħra skont kif meħtieġ;

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

Post of Junior Legal Officer
in the Policy Development and Programme
Implementation Directorate

(Capacity building approval
dated 07 August 2013)

In accordance with clause 3.1(l) of the current Collective Agreement, nomenclatures importing the male gender include also the female gender.

The Director General (Support Services) on behalf of the Principal Permanent Secretary, Office of the Prime Minister, invites applications for the post of Junior Legal Officer in the Policy Development and Programme Implementation Directorate in the Office of the Prime Minister.

Terms and Conditions

2.1 The salary for the post of Junior Legal Officer is Salary Scale 9, that is, €17,753.02 per annum, rising by annual increments of €447.33 up to a maximum of €20,437.

2.2 A Junior Legal Officer will be promoted to the grade of Legal Officer in Scale 8 (€18,939.02 x €486.83 - €21,860) on completion of two (2) years service in the grade of Junior Legal Officer, subject to satisfactory performance, provided that the person has been practising for at least three (3) proven years after obtaining the Warrant of Lawyer.

2.3 A Legal Officer will progress to Scale 7 (€20,234.98 x €531.17 - €23,422) on completion of six (6) years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.4 The appointee will not be allowed the private practice of his/her profession.

Duties

3.1 The duties of Junior Legal Officer include:

i) Exercising his/her profession, particularly in monitoring the European affairs aspects of the Justice dossier;

ii) Assisting the Director in matters requiring a legal interpretation;
iii) Researching, analysing and drawing up recommendations and positions on issues which may be handled by the Directorate;
iv) Drafting of memoranda, meeting dossiers including Instruction Notes, Briefing Notes and Background Notes, and other documents as required;

v) Li tikkordina mal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, is-Segretarjat tal-Unjoni Ewropea, ir-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta fi Brussell u *Line Ministries* oħra sabiex tirċievi u tiċċirkola dokumenti relevanti u tibda tieħu azzjoni neċessarja dwarhom;

vi) Li tagħti kontribut f'xogħlijiet oħra li jwettaq id-Direttorat u li twettaq dmirijiet oħra skont struzzjonijiet tad-Direttur;

vii) Dmirjiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

3.2 Persuna magħżula tista' wkoll tkun meħtieġa tattendi għal-laqgħat/konferenzi kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta.

3.3 Persuna li tintbagħat barra minn Malta għal-laqgħat/konferenzi tkun marbuta bil-kundizzjonijiet relevanti mniżżla fil-*Public Service Management Code*.

Rekwiżiti tal-eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(ċ) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma persuni msemmija f'(a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

v) Liaising with the Office of the Attorney General, with the EU Secretariat and the Permanent Representation of Malta in Brussels and Line Ministries in the receipt and circulation of relevant documents and the initiation of necessary action;

vi) Contributing to other assignments handled by the Directorate and to perform any other duties as instructed by the Director;

vii) Any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

3.2 The selected applicant may also be required to travel abroad to attend meetings/conferences.

3.3 When proceeding abroad to follow meetings/conferences the selected applicant will be bound by the relevant conditions laid down in the Public Service Management Code.

Eligibility requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

(iii) (a) fil-pussess tal-*warrant* biex jipprattikaw il-professjoni ta' Avukat f'Malta; jew

(b) persuni li għandhom il-kwalifiki akkademiċi biex jiksbu dan il-*warrant*;

(iv) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

4.2 Applikanti taħt paragrafu 4.1(iii)(b) jiġu kkunsidrati biss f'każ li ma jkunx hemm biżżejjed applikanti taħt paragrafu 4.1(iii)(a). Barra minn hekk dawn jinħatru fil-kariga meta jiksbu l-*warrant* biex jipprattikaw il-professjoni ta' Avukat matul il-perjodu ta' validità tar-riżultat ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, kemm-il darba jkun hemm vakanza. Fil-każ ta' applikanti li jgħaddu taħt paragrafu 4.2, l-amministrazzjoni tirrakkomanda l-ħatra ta' kandidat/a li jkun/tkun kiseb/kisbet l-ogħla post fl-ordni tal-mertu u li jkun/tkun ġab/ġabet il-*warrant*, basta jkun hemm vakanza.

4.3 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafu 4.1, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata, għarfien u/jew kwalifika fl-affarijiet Ewropej u internazzjonali.

4.4 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-*link* aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni. Kopji *scanned* mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettati.

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

(ii) able to communicate in the Maltese and English languages;

(iii) (a) in possession of the warrant to practice the profession of Advocate in Malta; or

(b) persons having the academic qualifications to obtain such a warrant;

(iv) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.)

4.2 Successful applicants under paragraph 4.1(iii)(b) will only be considered for appointment if there are not enough successful applicants under paragraph 4.1(iii)(a). Such successful applicants, moreover, will only become eligible for appointment when they obtain the warrant to practice as Advocates in Malta during the validity period of the result of this call for applications, provided vacancies are available. In the case of successful applicants under paragraph 4.2, the administration will recommend the appointment of the highest placed candidate in the order of merit who is in possession of the Warrant, subject to availability of vacancies.

4.3 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraph 4.1, have proven relevant work experience, knowledge and/or qualifications in European and international affairs.

4.4 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of supporting documentation

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Scanned copies sent electronically are acceptable.

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-għażla

6. L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post.

Sottomissjoni tal-applikazzjoni

7. L-applikazzjonijiet flimkien mal-*curriculum vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu mid-Direttur (Finanzi u Amministrazzjoni) fid-Direttorat għall-Finanzi u l-Amministrazzjoni (Attn: Fergħa tar-Riżorsi Umani), l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, il-Berġa ta' Kastilja, il-Belt Valletta VLT 2000 sa mhux aktar tard min-nofs in-nhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, it-22 ta' Novembru, 2013. L-applikazzjonijiet jistgħu ukoll jiġu sottomessi permezz tal-*Online Government Recruitment Portal* fuq: (http://recruitment.gov.mt) sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, kif indikat hawn fuq. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

Dispożizzjonijiet ġenerali oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:

perjodu ta' prova u kundizzjonijiet oħra;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilità;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti

jinsabu fis-sit elettroniku tal-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika fl-indirizz (http://www.pahro.gov.mt/file.aspx?f=359) jew jinkisbu mid-Direttorat għall-Finanzi u l-Amministrazzjoni (Fergħa tar-Riżorsi Umani), l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, il-Berġa ta' Kastilja, Il-Belt Valletta. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Għall-fini ta' paragrafu 6.2 tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, in-numru tal-*fax* tad-Direttorat riċeventi huwa +356 2200 1020 filwaqt li l-indirizz tal-email huwa (dcs.opm@gov.mt).

Id-29 ta' Ottubru, 2013

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection procedure

6. Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the post.

Submission of applications

7. Applications, together with a *curriculum vitae* showing qualifications and experience, will be received by the Director (Finance and Administration) at the Finance and Administration Directorate (Attn: Human Resources Branch), Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta VLT 2000 by not later than noon *(Central European Time)* of Friday, 22nd November, 2013. Applications can also be submitted through the Online Government Recruitment Portal on: (http://recruitment.gov.mt) by the said closing time and date of this call for applications, as shown above. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

Other general provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

the probationary period and other conditions;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents

may be viewed by accessing the website of the Public Administration HR Office at the address (http://www.pahro.gov.mt/file.aspx?f=359) or may be obtained from the Finance and Administration Directorate (HR Branch), Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

For the purpose of paragraph 6.2 of the General Provisions of this call for applications, the fax number of the receiving Directorate is +356 2200 1020 and the e-mail address is (dcs.opm@gov.mt).

29th October, 2013

AĠENZIJA ŻGĦAŻAGĦ

Espressjoni ta' Interess – Servizz ta'Awditur

Aġenzija Żgħażagħ qed tfittex is-servizzi ta' Awditur għal perjodu ta' ħames snin li jiġġedded sena b'sena biex il-persuna ingaġġata twettaq ix-xogħol li ġej:

Tivverifika u tiċċertifika d-dikjarazzjonijiet finanzjarji għall-verifika anwali skont l-i*standards* u regolamenti finanzjarji tal-Gvern Ċentrali. Id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kif ivverifikati u rapport tal-verifika għandhom jiġu ffinalizzati sa mhux aktar mill-ewwel xahar kalendarju ta' kull sena;

Tagħmel verifika interim u reviżjoni tal-estimi f'nofs is-sena finanzjarja;

Tassisti lill-Awditur maħtur mill-Gvern Ċentrali matul il-proċess ta' verifika;

Tassisti lill-uffiċjal responsabbli mill-qasam finanzjarju fi ħdan l-Aġenzija fl-iffinalizzar tal-formoli tat-taxxi li l-Aġenzija Żgħażagħ tkun trid tissottometti;

Tassisti u tirrevedi l-estimi finanzjarji, l-aspetti finanzjarji tal-pjan ta' ħidma u servizzi anċillari oħra finanzjarji.

L-awditur maħtur:

Għandu jkollu *warrant* bħala *Certified Public Auditor;*
Għandu jkun aġġornat mal-IFRSs u *standards* oħra finanzjarji;
L-awditur maħtur għandu jaħdem flimkien mal-uffiċjal responsabbli mill-finanzi fi ħdan l-Aġenzija Żgħażagħ;
Ix-xogħol kollu mitlub mill-awditur għandu jsir fl-uffiċċju amministrattiv tal-Aġenzija Żgħażagħ fil-ħin normali tax-xogħol.

Ittra ta' espressjoni ta' interess inkluż *Europass CV*, esperjenza ta' xogħol, referenzi u kopja tal-*warrant* ta' *Certified Public Auditor* għandhom ikunu sottomessi lil Aġenzija Żgħażagħ, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera SVR 1012 f'envelop magħluq sa mhux aktar tard minn nofsinhar tat-Tnejn, il-11 ta' Novembru, 2013. L-applikazzjonijiet għandhom jkunu sottomessi jew personalment fl-uffiċċju tal-Aġenzija Żgħazagħ jew permezz ta' posta reġistrata.

Aġenzija Żgħażagħ iżżomm id-dritt li tirrifjuta xi sottomissjoni jew is-sottomissjonijiet kollha assoċjati ma' din is-sejħa għall-espressjoni ta' interess.

L-applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux kunsidrati.

Id-29 ta' Ottubru, 2013

AĠENZIJA ŻGĦAŻAGĦ

Expression of Interest – Services of an Auditor

Aġenzija Żgħażagħ is seeking the services of an Auditor for a period of five years renewable every year to carry out the following:

Supervise and certify the financial statements for the annual audit as per Central Government standards and financial regulations. Audited financial statements and audit report must be finalised by not later than the first calendar month of each year;

Carry out an interim audit and mid-year budget review;

Provide assistance to the Government appointed Auditor during the audit process;

Assist the Agency's responsible officer in finalising all relevant Income Tax forms of Aġenzija Żgħażagħ;

Assist and review Annual Budget, financial aspects of the Business Plan and other financial ancillary services.

The appointed auditor:

Must have the warrant as a Certified Public Auditor;
Must be updated with all the latest IFRSs and other accounting standards;
The appointed auditor will work in liaison with the Agency's officers;
All related work must be carried out at the Agency's Administrative Office within normal office hours.

Expression of Interest letters including a Europass CV, work experience, references and copy of the CPA warrant are to be submitted to Aġenżija Żgħażagħ, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera SVR 1012 in a sealed envelope by not later than noon of Monday, 11th November, 2013. Applicantions must be submitted either by hand or through registered post.

Aġenżija Żgħażagħ reserves the right to reject any or all submissions associated with this call for an Expression of Interest.

Late applications will be discarded.

29th October, 2013

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET
EWROPEJ U T-TWETTIQ
TAL-MANIFEST ELETTORALI

Pożizzjoni ta' *Head (Operational Programme* II) fid-Diviżjoni għall-Ippjanar u Ko-ordinazzjoni tal-Prijoritajiet fil-Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u t-Twettiq tal-Manifest Elettorali

(Approvazzjoni skont il-capacity building datata 14 ta' Ottubru 2013)

B'referenza għall-avviż għall-Pożizzjoni msemmija hawn fuq, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-Ġimgħa, 25 ta' Ottubru, 2013, ngħarrfu b'dan li l-Programm Operattiv li taqa' taħtu dil-pożizzjoni kellu jkun kif ġej:

Id-29 ta' Ottubru, 2013

MINISTRY FOR EUROPEAN AFFAIRS
AND IMPLEMENTATION OF
THE ELECTORAL MANIFESTO

Position of Head (Operational Programme II) in the Planning and Priorities Co-ordination Division in the Ministry for European Affairs and Implementation of the Electoral Manifesto

(Capacity building approval dated 14th October 2013)

With reference to the abovementioned Position published in the Government Gazette dated Friday, 25th October, 2013, it is hereby notified that the Operational Programme under which the position is issued should have been as follows:

29th October, 2013

Programm Operattiv II – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
Insaħħu Ħilitna għal Aktar Impjiegi u Kwalità ta' Ħajja Aħjar
Pożizzjoni kofinanzjata mill-Unjoni Ewropea
Fond Soċjali Ewropew (FSE)
Rata ta' Kofinanzjament: 85% Fondi mill-EU; 15% Fondi Nazzjonali
Ninvestu fil-futur tiegħek

Operational Programme II – Cohesion Policy 2007-2013
Empowering People for More Jobs and a Better Quality of Life
Position part-financed by the European Union
European Social Fund (ESF)
Co-financing rate: 85% EU Funds; 15% National Funds
Investing in your future

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET
EWROPEJ U T-TWETTIQ
TAL-MANIFEST ELETTORALI

Pożizzjoni ta' *Senior Manager (EU Funds)* fil-Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u t-Twettiq tal-Manifest Elettorali

(Approvazzjoni skont il-capacity building datata 14 ta' Awwissu 2013)

B'referenza għall-avviż għall-Pożizzjoni msemmija hawn fuq, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-Ġimgħa, 25 ta' Ottubru, 2013, ngħarrfu b'dan li l-Programmi Operattivi li taqa' taħthom dil-pożizzjoni kellhom ikunu kif ġej:

Id-29 ta' Ottubru, 2013

MINISTRY FOR EUROPEAN AFFAIRS
AND IMPLEMENTATION OF
THE ELECTORAL MANIFESTO

Position of Senior Manager (EU Funds) in the Ministry for European Affairs and Implementation of the Electoral Manifesto

(Capacity building approval dated 14th August 2013)

With reference to the abovementioned Position published in the Government Gazette dated Friday, 25th October, 2013, it is hereby notified that the Operationals Programmes under which the position is issued should have been as follows:

29th October, 2013

Programmi Operattivi għal Malta
Din il-pożizzjoni tista' tiġi parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea

Operational Programmes for Malta
This position may be considered for European Union part-financing

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U XOGĦOL

Eżami Riparatorju għall-Post ta' Skrivan fis-Servizz Pubbliku ta' Malta – 2012/2013

Eżami Riparatorju għall-Post ta' Uffiċjal Eżekuttiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta – 2012/2013

Eżami Riparatorju għall-Post ta' Assistent Uffiċjal Prinċipali fis-Servizz Pubbliku ta' Malta - 2012/2013

Eżami Riparatorju għall-Post ta' Uffiċjal Prinċipali fis-Servizz Pubbliku ta' Malta - 2012/2013

Eżami Riparatorju għall-Post ta' Uffiċjal Prinċipali Anzjan fis-Servizz Pubbliku ta' Malta - 2012/2013

L-Ewwel Parti: Eżamijiet bil-Miktub

L-Aġent Direttur tal-Eżamijiet jgħarraf li r-riżultati tal-eżamijiet imsemmija ġew ippubblikati u wieħed jista' jarahom fil-*Customer Care*, *Education Information Centre*, Ministeru għall-Edukazzjoni u Xogħol, Il-Furjana u fiċ-Ċentru tal-Eżamijiet, Ir-Rabat Għawdex, fil-ħinijiet tal-uffiċċju.

Id-29 ta' Ottubru 2013

MINISTRY FOR EDUCATION AND EMPLOYMENT

Re-sit Examination for the Post of Clerk in the Malta Public Service - 2013

Re-sit Examination for the Post of Executive Officer in the Malta Public Service - 2013

Re-sit Examination for the Post of Assistant Principal in the Malta Public Service - 2013

Re-sit Examination for the Post of Principal in the Malta Public Service - 2013

Re-sit Examination for the Post of Senior Principal in the Malta Public Service - 2013

Part I: Written Examinations

The Acting Director of Examinations notifies that the results of the above examinations have been published and may be viewed at the Customer Care, Education Information Centre, Ministry for Education and Employment, Floriana and at the Examinations Centre, Victoria, Gozo, during office hours.

29th October 2013

DIRETTORAT GĦAT-TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA

Riżultati għal Ingaġġ fil-Pożizzjoni ta' Edukatur tal-Adulti *Part-Time* fuq Kuntratt Definit fid-Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja

Id-Direttur għat-Tagħlim Tul il-Ħajja jgħarraf li r-riżultati tal-intervisti għall-Ingaġġ fil-Pożizzjoni ta' Edukatur tal-Adulti *part-time* fuq kuntratt definit fid-Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja, kif ippubblikata fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 19,141 tal-20 ta' Settembru, 2013, ġew ippubblikati. Ir-riżultati huma għal dawn is-suġġetti:

1. *Adult Educators Projects Coordinator*
2. *Music Outreach Support*
3. *Art*
4. *Accounts*
5. *Economics*
6. *English as a Foreign Language*
7. *Maltese as a Foreign Language*
8. *Sugar Craft*
9. *Understanding Maltese Law*
10. *Wedding Planning*

Kopja ta' dawn ir-riżultati tinsab fuq in-*notice-board* Ewlenija, Ċentru ta' Informazzjoni dwar l-Edukazzjoni, Binja tal-Edukazzjoni, Triq l-Assedju l-Kbir, Il-Furjana.

Id-29 ta' Ottubru 2013

DIRECTORATE FOR LIFELONG LEARNING

Results for the Engagement in the Position of Part-Time Adult Educator on a Definite Contract within the Directorate for Lifelong Learning

The Director, Lifelong Learning, notifies that the results of the interviews for the Engagement in the Position of Part - Time Adult Educator on a Definite Contract within the Directorate for Lifelong Learning, as published in the Government Gazette No. 19,141 of the 20th September, 2013, have been published. Results are for the following subjects:

1. Adult Educators Projects Coordinator
2. Music Outreach Support
3. Art
4. Accounts
5. Economics
6. English as a Foreign Language
7. Maltese as a Foreign Language
8. Sugar Craft
9. Understanding Maltese Law
10. Wedding Planning

A copy of the results may be found on the Main Notice-Board, Education Information Centre, Education Building, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana.

29th October 2013

AWTORITÀ TAD-DJAR

Sussidju fuq Xogħlijiet Relatati ma' Strutturi Perikolużi fi Proprjetà Privata li Hija Okkupata Minn Qabel l-1 ta' Ġunju1995 minn Inkwilini jew Ċenswalisti – Skema 2013

1. Skop tal-Iskema

L-għan ta' din l-iskema huwa biex tipprovdi sussidju biex tgħin ċerti inkwilini/ċenswalisti jeliminaw strutturi perikolużi fir-residenza tagħhom mikrija jew mogħtija lilhom b' ċens mill-privat qabel l-1 ta' Ġunju 1995.

2. Tifsir

F'din l-iskema, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:-

"dħul annwu aggregat" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fil-klawsola 10 ta' din 1-iskema;

"applikant" tfisser persuna li tapplika għall-assistenza finanzjarja sabiex telimina strutturi perikolużi fid-dar ta' abitazzjoni tal-privat taħt din l-iskema u meta l-applikazzjoni ssir minn tnejn jew aktar flimkien, għandha tinkludi l-applikanti kollha;

"data appuntata" tfisser id-data li fiha ġiet *in vigore* din l-iskema;

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità tad-Djar, imwaqqfa bl-artikolu 3 tal-Att tal- Awtorità tad-Djar 1976; (Kap. 261);

"*Chairman*" tfisser *Chairman* tal-Awtorità tad-Djar u jinkludi kull persuna awtorizzata biex taġixxi għan-nom tiegħu;

"sena bażi" tfisser is-sena minnufih qabel is-sena li fiha ssir applikazzjoni taħt din l-iskema;

"benefiċjarju" għandu l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2 tal-att prinċipali;

"sid" tinkludi ċenswalist li jkun tal-fond b' kera jew b' sub-ċens lil terza persuna.

"dar ta' abitazzjoni" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fil-klawsola 2 tal-Att prinċipali u teskludi djar li huma Proprjetà tal-Gvern jew mikrija mill-Gvern, l- Awtorità tad-Djar, korpi parastatali jew xi Awtorità lokali;

"enfitewta" tinkludi "sub-enfitewta";

"Gvern" tfisser Gvern ta' Malta;

HOUSING AUTHORITY

Subsidy on Adaptation Works related to dangerous structures in Private Dwellings Held on Lease or Emphyteusis prior 1st June 1995 – Scheme 2013

1. Purpose of Scheme

The aim of the scheme is to provide subsidies to assist certain tenants/emphyteuta in carrying out works related to dangerous structures and to render these residential premises leased to them prior 1st June 1995 habitable and of an acceptable standard.

2. Definition

In this Scheme, unless the context otherwise requires:-

"aggregate annual income" has the same meaning assigned to it in article 10 of this Scheme;

"applicant" means a person who applies for the cash assistance to eliminate dangerous structures in private dwellings under this Scheme, and when the application is made by two or more persons jointly, shall include all applicants;

"appointed day" means the day on which this Scheme comes in force ;

"the Authority" means the Housing Authority established by section 3 of the Housing Authority Act, 1976, (Cap 261);

"Chairman" means the Chairman of the Housing Authority and includes any person authorised to act on his behalf;

"basic year" means the year immediately preceding the year in which an application under this Scheme is made;

"beneficiary" has the same meaning assigned to it in section 2 of the Principal Act;

"owner" includes sub-owner;

"dwelling-house" has the same meaning assigned to it in section 2 of the Principal Act and excludes houses owned or leased by the Government, the Housing Authority, any parastatal body and any public corporation or local authority;

"emphyteuta" includes a sub-emphyteuta;

"Government" means the Government of Malta;

"residenza ordinarja" ma tinkludix residenza għas-sajf;

"preskritt" tfisser preskritt mill-Awtorità;

"L-Att Prinċipali" tfisser l-Att XXIII tal-1988 biex tħajjar persuni jsiru sid darhom;

"Kerrej Konoxxut" tfisser persuna li qed tokkupa dar privata ta' abitazzjoni b'titolu ta' kera mingħand is-sid u tinkludi persuna li qed tokkupa fond taħt titolu ta' enfitewsi taħt it-termini ta' Klawsola 4 u hija rikonoxxuta bħala tali mis-sid jew minn min għamel il-kirja, skont il-każ;

F'din l-iskema s-singular jimporta l-plural u l-maskil jimporta l-femminil.

3. Applikazzjonijiet għall-għajnuna taħt din l-Iskema

(i) Persuna li tikkwalifika biex tapplika għal għajnuna taħt din l-iskema għandha timla formola preskritta mill-Awtorità biex titlob għajnuna għax-xogħlijiet relatati ma' strutturi perikoluż fid-dar ta' abitazzjoni okkupata minnha bħala r-residenza ordinarja tagħha;

(ii) L-għajnuna mogħtija taħt din l-iskema tikkonsisti f'għajnuna fi flus għax-xogħlijiet relatati ma strutturi perikoluż;

4. Kwalifika għal Applikazzjoni għall-għajnuna taħt din l-Iskema

Persuna tikkwalifika biex tapplika għall-għajnuna taħt din l-Iskema jekk fid-data tal-applikazzjoni:-

(i) hija l-kerrej konoxxut/enfitewta (jew subenfitewta) temporanja, tad-dar li fuqha qed ssir it-talba għall-għajnuna mogħtija taħt din l-iskema. Il-kirja jew iċ-ċens iridu jkunu ilhom fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju 1995 u

(ii) f'każ ta' ċens jew sub-ċens, għandha ċens jew sub-ċens li fi tmiemu jista' jinbidel f'kera a bażi tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta.

(iii) (a) waħda mill-koppji miżżewġa jkun/tkun ċittadin/a Malti/ja jew ċittadina tal-Unjoni Ewropea; u

(b) l-applikant u martu/żewġha huma residenti ordinarji f'Malta u ilhom jgħixu kontinwament f'Malta għal mill-anqas tnax-il xahar konsekuttivi li jiġu immedjatament qabel id-data tal-applikazzjoni; u

(c) f'każ ta' koppja miżżewġa li m'humiex legalment jew *bone fide de facto* separati, jew mhux divorzjati l-applikazzjoni għall-għajnuna taħt din l-iskema għandha ssir flimkien *"in solidum"*; u

"ordinary residence" does not include a summer residence;

"prescribed" means prescribed by the Authority;

"Principal Act" means the Home Ownership (Encouragement) Act XXIII of 1988;

"recognised tenant" means a person occupying a private dwelling house under a title of lease from the lessor and includes a person who is occupying the property under a title of emphyteusis in terms of Article 4 and recognised as such by the lessor or direct owner, as the case may be;

In this Scheme the singular shall import the plural and the masculine shall import the feminine.

3. Applications for Assistance under the Scheme

(i) Any person qualified to apply for Assistance under this Scheme may make an application on the prescribed form to the Authority requesting assistance from the Authority to carry out adaptations related to dangerous structures in the said dwelling house occupied by him as his ordinary residence.

(ii) The assistance available under this Scheme shall consist in cash assistance to carry out works related to dangerous structures.

4. Qualifications to Apply for Assistance under this Scheme

A person shall qualify to apply for Assistance under this Scheme if on the date of application:

(i) he/she is the recognised tenant/temporary emphyteuta or sub-emphyteuta of the dwelling house in respect of which he is applying for assistance available under this Scheme. The lease or emphyteusis should have been in force before 1st June 1995, and

(ii) has emphyteusis or sub-emphyteusis which on its expiry date can be converted into lease according to Chapter 158 of the Laws of Malta

(iii) (a) one of the couple is a Maltese citizen or a European citizen; and

(b) he/she and his/her spouse are ordinary residents of Malta and have been so resident continuously for not less than twelve consecutive months immediately preceding the date of application; and

(c) in the case of married couples who are not legally or *bona fide de facto* separated or divorced the application for Assistance under this Scheme must be made by both spouses jointly;

(d) f'dawk il-każijiet fejn, fid-diskrezzjoni assoluta tal-Awtorità tad-Djar, il-koppji jiġu kkunsidrati *bona fide de facto* separati, l-applikazzjoni tista' tiġi sottomessa minn wieħed/waħda mill-koppja li attwalment ikun/ tkun jirrisjedi/ tirrisjedi fil-fond li fuqu qed tintalab l-għajnuna taħt din l-iskema. F'dan il-każ, wieħed/waħda mill-koppja li jkun/ tkun jgħix/tgħix permanentement fil-fond jikkwalifika anke f'każ li l-irċevuti tal-kera jkunu ħarġu f'isem wieħed/waħda mill-koppja l-ieħor/l-oħra u f'dan il-każ il-persuna trid tkun ċittadin/a Malti/ja u residenti ordinarjament Malta; u

(d) In the cases where, in the absolute discretion of the Housing Authority, the spouses are considered to be '*bona fide de facto'* separated the application may be filed by one of the spouses who is actually residing in the premises concerned. In such a case, the spouse residing permanently in the premises will qualify even in the cases were the rent receipts are issued in the name of the other spouse; and in this case the person must be a Maltese citizen and an ordinary resident of Malta; and

(iv) hija tkun diġà għamlet ftehim bil-miktub tat-tip kif indikat fil-paragrafu segwenti, qabel id-data tal-applikazzjoni mas-sid jew ma' min qed jagħmel il-kirja jew l-enfitewsi temporanju liema ftehim ikun jew fil-perjodu oriġinali jew wara li ġie rinovat jew ġie konvertit f'kirja skont il-liġi; u

(iv) he/she has already entered into a contract of the type referred to in the following paragraph before the appointed day with the lessor or direct owner which is either in its original period or has been renewed or converted into a lease according to law; and

(v) il-ftehim bil-miktub għandu jkun ta' wieħed mit-tipi li ġejjin:-

(v) the contract is of the following types ;

(a) ftehim ta' kirja (ftehim ta' kirja jinkludi rċevuti ta' kera mħallsa) li ġie kkuntrattat qabel l-1 ta' Ġunju 1995; jew

(a) a contract of lease (a contract of lease includes receipts of rents paid) entered into before the 1st of June 1995; or

(b) ftehim ta' enfitewsi temporanja li ma jeċċedix il-wieħed u għoxrin (21) sena li jkun magħmul qabel l-1 ta' Ġunju 1995; u

(b) a grant of temporary emphyteusis not exceeding 21 years entered into before the 1st of June 1995; and

bil-patt li fil-każijiet kollha l-Awtorità tkun sodisfatta li ma hemm ebda kollużjoni bejn il-partijiet - dan il-fatt jiġi mgħarbel u deċiż fid-diskrezzjoni assoluta tal-Awtorità tad-Djar;

provided in all cases the Authority is satisfied in its absolute discretion that there is no collusion between the parties - this will be studied and agreed upon at the absolute descretoin of the Authority; and

(vi) f'każ ta' enfitewsi, din ma tridx tkun intemmet u b'dan li l-enfitewta għandu jkollu d-dritt li jkompli jokkupa d-dar taħt titolu ta' kirja meta tiskadi l-enfitewsi preżenti; u

(vi) in the case of an emphyteutical grant, the grant is still current, provided that the emphyteuta has the right to continue to occupy the dwelling house under title of lease on the expiry of the grant; and

(vii) il-Proprjetà tkun iddikjarata mill-Awtorità tad-Djar jew minn xi Qorti kompetenti jew hija kkunsidrata mill-Awtorità bħala struttura perikoluża; u li tkun tinħtieġ tiswija; u

(vii) the dwelling house has been declared by the Houisng Authority or by a competent Court or are considered by the Authority as a dangerous structure and which needs repairs; and

(viii) l-użu tal-Proprjetà bħala residenza huwa *prima facie* skont il-liġi u skont l-obbligi kuntrattwali tal-kirja jew tal-enfitewsi temporanju skont il-każ; u

(viii) the use of the premises for residential purposes is lawful and in accordance with the contractual obligations of the lease or of the deed of temporary emphyteusis whichever is the case; and

(ix) il-kirja ma tirreferix għall-Proprjetà *furnished*;

(ix) the lease does not refer to furnished premises.

5. Skwalifika

5. Disqualification

Persuna ma tikkwalifikax biex tapplika taħt din l-iskema jekk l-applikant ikun diġà:-

A person shall not qualify to make an application under this Scheme if:

(i) bbenefika minn xi għajnuna taħt dik li kienet magħrufa bħala 'l-Iskema tal-*Home Ownership'*, akkwista art mill-

(i) applicants have already benefited from any assistance under what used to be known as the "Home Ownership

Gvern li kienet ġiet esproprjata' bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-att tal-1983 dwar Arei għall-Iżvilupp tal-Bini (Kap. 303), bbenefika minn xi skema oħra maħruġa mill-Awtorità tad-Djar, jew minn xi għajnuna oħra biex persuni jiġu mħajra jsiru sid darhom mid-Dipartiment għall-Akkomodazzjoni Soċjali jew mid-Dipartiment tal-Art jew mill-Awtorità jew minn uħud minnhom flimkien. Iżda f'każ li l-persuna li tkun qiegħda tapplika kienet ħassret l-għerusija jew iż-żwieġ li a bażi ta' din ir-relazzjoni tkun hekk ibbenefikat u issa tkun ittrasferixxiet lill-parti l-oħra d-drittijiet fuq il-Proprjetà li fuqha tgawda s-sussidju (u s-sussidji gawduti ikunu ġew kollha rifużi fejn applikabbli), il-parti li trasferixxiet id-drittijiet tista' tapplika taħt din l-iskema. F'dawn iż-żewġ każijiet ma tapplikax Klawsola 5 sub-Klawsola (iii) sa fejn din taffettwa l-Proprjetà li fuqha ġie gawdut is-sussidju fuq imsemmi u/jew

Scheme", from any other schemes issued by the Housing Authority or from any other assistance for the encouragement of home ownership by the Department of Social Housing or by the Lands Department or by the Authority or by any of them jointly; However in the case of one of the applicants who had broken their engagement/marriage on which basis he had so benefited and one party of the couple had transferred to the other party the rights on property on which the subsidy was enjoyed (and were applicable the subsidy enjoyed was refunded in full) the party who had transferred his/her rights can apply under this application. In both cases Clause 5 sub-clause (iii) does not apply as so far as it affects the property on which subsidy was enjoyed and/or

(ii) ibbenefika minn xi skema ppubblikata mill-Awtorità tad-Djar għax-xogħlijiet ta' rranġar u titjib. B'dan illi applikant jista' jerġa' japplika taħt din l-iskema basta illi:

(ii) benefited from assistance under any scheme issued by the Housing Authority of the Government for the carrying out of adaptation and improvement works; but if applicant has already benefited under these schemes he can re-apply under this notice provided that:-

(a) ix-xogħlijiet relatati ma' strutturi perikoluż li għalihom qed tintalab l-għajnuna taħt l-iskemi mhumiex l-istess xogħlijiet li għalihom ingħatat għajnuna taħt xi Skema tal-Awtorità tad-Djar u

(a) the adaptation works related to dangerous structures on which aid is being requested under this scheme are not the same adaptation works for which aid had been granted to the applicant for the carrying out of adaptation and improvement works; and

(b) L-ammont totali tal-għotja meħuda taħt l-iskemi msemmija fil-paragrafu preċedenti ma jeċċedix flimkien l-ammont ta' €7,000 kif jirriżulta taħt Klawsola 11; u/jew

(b) the total amount of the grants enjoyed under the adaptation schemes in the preceding paragraph do not exceed together the sum of €7,000 as laid down in Clause 11; and/or

(iii) minn sena qabel id-data tal-applikazzjoni sal-approvazzjoni għat-teħid tal-għajnuna taħt din l-iskema:

(iii) a year before the date of application till the approval of the grant of subsidy under this Scheme:-

(a) kellu fil-pussess tiegħu Proprjetà immobbli diviża jew indiviża, waħdu jew ma' oħrajn b'titolu ta' Proprjetà assoluta jew enfitewsi perpetwa li għalihom inħareġ jew seta' jinħareġ permess għall-bini ta' fond għall-abitazzjoni mill-Awtorità tal-Ambjent u l-Ippjanar;

(a) had in his possession immovable property either in whole or in part ownership, either on their own or in partnership, on absolute ownership or on perpetual emphyteusis and on which a building permit for habitation purposes has been issued or can be issued by the MEPA;

(b) kellu fil-pussess tiegħu diviżament jew indiviżament, waħdu jew ma' oħrajn fond tajjeb għall-abitazzjoni b'titolu ta' Proprjetà assoluta jew b'titolu ta' enfitewsi perpetwa jew b'enfitewsi temporanja ta' aktar minn erbgħin sena mid-data oriġinali tal-pubblikazzjoni tal-enfitewsi temporanja;

(b) had in his possession in full ownership or in part ownership, either ontheir own or together with others, property suitable for habitation purposes or on perpetual emphyteusis or on temporary emphyteusis of more than 40 years duration from date of original constitution of the emphyteutical grant of the said temporary emphyteusis.

(c) kellu ishma f'soċjetà kummerċjali li minn sena qabel id-data tal-applikazzjoni kellha Proprjetà immobbli bħal dik imsemmija fiż-żewġ paragrafi qabel dan;

(c) had in his possession holdings or shares in any commercial body which a year prior to application had immovable property or as mentioned in the two preceding sub-paragraphs.

B'dana illi persuna ma tiġix skwalifikata taħt dan l-artikolu għas-sempliċi raġuni illi għandha fil-pussess tagħha

However an applicant will not be disqualified under this article for the simple reason that he possesses as indicated

immobbli li tappartjeni lilha kif fuq ingħad u li fl-opinjoni tal-Awtorità u dan skont id-diskrezzjoni assoluta u finali tagħha, dik l-immobbli okkupata jew mhijiex/mhux adekwata għall-akkomodazzjoni residenzjali tal-applikant/i u l-familja tiegħu/tagħhom jew ma tistax tiġi utilizzata; u/jew

(iv) akkwista art mill-Gvern li kienet ġiet esproprjata' bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-Att tal-1983 dwar Arei għall-Iżvilupp tal-Bini (Kap. 303) jew dar ta' abitazzjoni mill-Awtorità tad-Djar, id-Dipartiment għall-Akkomodazzjoni Soċjali, Uffiċċju Konġunt, minn Korpi parastatali jew minn xi Awtorità lokali; u/jew

Din il-klawsola tibqa' applikabbli biss fid-diskrezzjoni assoluta tal-Awtorità tad-Djar li jkollha d-dritt taċċetta applikazzjonijiet anke ta' każijiet li jaqgħu taħt din il-klawsola, fejn tqis li tali applikazzjonijiet ikunu ġenwini u meritevoli.

(v) (a) ikollu d-dħul totali fis-sena li jeċċedi s-somma kif stipulata fi klawsola 11; u/jew

(b) minn sena qabel id-data tal-applikazzjoni sal-approvazzjoni għat-teħid tal-għajnuna taħt din l-iskema, l-applikanti jkunu jippossjedu assi kapitali ta' aktar minn €25,000. Dawn l-assi ma jinkludux l-għamara u karozzi. Dawn l-assi jistgħu jinkludu ishma f'kumpaniji, immobbli jew ishma minn immobbli f'liema każ il-valutazzjoni tagħhom tkun fid-diskrezzjoni assoluta tal-Awtorità tad-Djar. Dawn l-assi jinkludu wkoll assi miktuba fuq tfal tal-applikanti taħt l-età; u/jew

(vi) għandu d-dar li fuqha qed tintalab l-għajnuna li tinsab fi *slum area* li eventwalment għandha tiġi demolita;

(vii) hu dixxendent dirett jew axxendent dirett jew b'xi mod ieħor qarib sat-tieni grad jew komproprjetarju ma' min qed jagħmel il-kirja.

6. Miżżewġin Legalment jew *De Facto* Separati jew divorzjati

(i) Applikant li jkun legalment mifrud mill-mara/mir-raġel għandu jippreżenta kopja tad-deċiżjoni finali tal-Qorti kompetenti li tippronunzja l-firda (separazzjoni jew divorzju) jew kopja ta' att ippubblikat li jagħti effett għall-firda bil-kunsens tal-koppja miżżewġa bl-Awtorità tal-Qorti kompetenti.

(ii) Applikant li tkun persuna *bona fide de facto* mifruda għandha tipprovdi għas-sodisfazzjoni tal-Awtorità tad-Djar prova li hija fil-fatt hekk mifruda u f'dan is-sens għandha tipprovdi kull dokument, affidavit, dikjarazzjoni legali u kull prova oħra li hija tħoss bżonnjuża sabiex tagħti din il-prova. Ikun fid-diskrezzjoni tal-Awtorità tad-Djar li tiddeċiedi konklussivamentjekk id-dokumenti provduti jkunux biżżejjed sabiex jippruvaw l-eżistenza tal-firda *de facto*.

above a property under absolute ownership or lease if in the absolute discretion of the Housing Authority the premises whether occupied or not are not adequate for accommodation for the applicant/s and his family or cannot be utilized; and/or

(iv) the applicant has acquired land from the Government which had been expropriated by virtue of the provisions of the Building Development Areas Act 1983. (Cap. 303) or premises from the Housing Authority, the Department of Social Accommodation, Joint Office or other parastatal bodies; and/or

This clause shall remain applicable at the absolute discretion of the Housing Authority to have the right to accept applications that fall under this clause as long as it considers applications to be genuine.

(v) (a) the aggregate annual income of the applicant/s exceeds the sum stipulated in clause 11; and/or

(b) applicant and spouse possess capital exceeding €25,000 during the twelve months (12) preceding the date of application till the approval of the grant of subsidy under this Scheme. These assists do not include the bedroom furniture and cars. These assets might include shares in any commercial body, immovables or shares in immovables in which case their valuation will be at the absolute discretion of the Housing Authority; Assets shall also include assets held by children of the married couple who are underage; and/or

(vi) the dwelling house on which subsidy is being requested is in a slum area which eventually has to be demolished; and/or

(vii) the applicant is a direct descendant or ascendant or otherwise related to the owner up to the two degrees or a co-owner with the lessor.

6. Legally or *De Facto* Separated/Divorced Applicant

(i) An applicant who is legally separated or divorced from his spouse shall produce a copy of the final judgement of the competent court that pronounces the separation/divorce or a copy of the contract of separation/divorce.

(ii) An applicant who is *bona fide de facto* separated person shall produce to the satisfaction of the Housing Authority proof that he/she is actually so separated and in this sense he/she has to produce all documents, sworn declarations, legal declarations and any other proof which he deems necessary to substantiate this fact. It shall be discretionary on the Housing Authority to decide whether the documents submitted suffice to prove the *de facto* separation.

7. Metodu ta' Applikazzjoni

(i) Persuna li tikkwalifika biex tapplika għall-għajnuna taħt din l-iskema għandha tissottometti applikazzjoni fuq formola preskritta u għandha tirritorna l-istess formola personalment lill-Awtorità waqt il-ġranet u ħinijiet tal-uffiċċju.

(ii) Il-formoli jistgħu jinġabru mill-Awtorità tad-Djar, 22, Triq Pietro Floriani, Floriana u mill-fergħa tal-Awtorità tad-Djar, 25, Triq Enrico Mizzi, Victoria, Għawdex jew fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità.

8. Informazzjoni

L-Awtorità tista' titlob lill-applikant biex jiffirma u jikkonferma bil-ġurament kull dikjarazzjoni li hi tista' tqis meħtieġ għat-twettiq ta' din l-iskema u l-applikant għandu jippermetti lill-Awtorità li tispezzjona r-residenza ordinarja tiegħu u kull fond ieħor miżmum minnu skont kif tista' titlob l-Awtorità.

9. Ħlas Amministrattiv u Abbandun ta' Applikazzjonijiet

(i) Kull applikazzjoni għall-għajnuna taħt din l-iskema għandha tiġi ppreżentata personalment minn wieħed mill-applikanti lill-Awtorità u dik l-applikazzjoni ma tiġix aċċettata kemm-il darba ma jkunx hemm magħha s-somma ta' għoxrin Ewro (€20) bħala ħlas amministrattiv. Oltre dan l-applikanti jintalbu jħallsu somma ta' flus li tkopri l-ispejjez fuq riċerki fuq l-applikanti li l-Awtorità tad-Djar tkun mitluba tħallas għan-nom tagħhom. Dawn mhux applikabbli ghal dawk l-applikanti li qegħdin fuq l-Għajnuna Soċjali u/jew Pensjoni Mhux Kontributorja.

(ii) Meta xi applikant taħt din l-iskema jonqos li jidher għall-ftehim meta jkun imsejjaħ mill-Awtorità, l-applikazzjoni tiegħu titqies li ġiet abbandunata u kull ħlas u depożitu mħallsa minnu jintilfu. F'kull każ kull spiża magħmula mill-applikanti in konnessjoni mal-applikazzjoni tagħhom tkun a karigu tagħhom u ma jittieħdux lura mill-istess applikanti kemm jekk l-applikazzjoni tkun aċċettata mill-Awtorità kemm jekk ma tiġix aċċettata mill-Awtorità.

10. Id-Dħul Annwu Aggregat tal-Applikant

Għal skopijiet ta' dan l-avviż id-dħul annwu aggregat tal-applikanti jiġi kkalkulat kif ġej:-

(i) dħul gross minn impjieg, paga u/jew salarju, *overtime*, pensjoni u/jew benefiċċju soċjali oħra tal-applikanti (eskluži ċ-*Children's allowance*) fl-intier tagħhom għas-sena bażi preċedenti.

(ii) id-dħul tal-applikant għas-sena bażi kalendarja minn kapital imħaddem, bħal depożiti f'banek, *shares, stocks,* self,

7. Method of Application

(i) A person qualified to make an application for Assistance under this Scheme shall submit an application in the prescribed form and shall deliver same personally to the Authority during the prescribed times.

(ii) The prescribed forms can be collected from the offices of the Housing Authority, 22, Triq Pietro Floriani, Floriana, Malta and from the Housing Authority branch, 25, Triq Enrico Mizzi, Victoria, Gozo or from the Housing Authority website.

8. Information

The Authority may require the applicants to sign and confirm under oath any declaration in any form even under oath it may consider necessary for the carrying out of this Scheme and the applicant shall allow the Authority to inspect his ordinary residence and any other tenement held by him as the Authority may require.

9. Administrative Charge and Abandoned Applications

(i) Each application for assistance under this Scheme shall be lodged personally by any of the applicants to the Authority and that application shall not be accepted unless accompanied by the sum of twenty Euros (€20) as an administrative charge. Additionally the applicant shall pay a charge to cover expenses on researches to be carried out by the Housing Authority on the applicant on his/her behalf. This charge is not applicable to applicants in receipt of Social Assistance and/or Non Contributory Pension.

(ii) Where any applicant under this Scheme fails to appear on the agreement regulating the enjoyment of the subsidy when asked to do so by the Authority, his application shall be deemed to have been abandoned and any expenses incurred by the applicants in connection with their application shall not be recoverable by the applicants whether or not their application is successful.

10. Aggregate Annual Income

For all purposes of the application, calculation of the aggregate annual income of applicant shall be as follows:-

(i) the gross income from any occupation, pay and/or salary, overtime, pension and/or other social benefits (excluding children's allowance) earned by the applicants during the basic preceding calendar year.

(ii) the applicant's income and those of his wife during the basic calendar year from capital assets such as; bank deposits,

kirjiet, investimenti f'intrapriżi kummerċjali, investimenti oħra, fil-proprjetà inkluż qligħ kapitali (*capital gains*).

(iii) għall-iskop ta' din l-applikazzjoni d-dħul annwu aggregat totali tas-sena tal-applikant għandu jkun dak id-dħul tal-applikant/i determinat fis-sub-klawsoli ta' din il-klawsola. Iżda l-Awtorità tad-Djar ma tkunx marbuta li taċċetta dikjarazzjonijiet, dokumenti jew informazzjoni oħra mogħtija lilha mill-applikant f'din l-applikazzjoni, jekk l-Awtorità tad-Djar tikkonsidra b'mod raġjonevoli illi tali dikjarazzjonijiet, dokumenti jew informazzjoni bħala mhumiex korretti jew veri.

(iv) mid-dħul gross annwali jitnaqqas kull ammont li persuna separata tħallas lill-parti l-oħra bħala manteniment. Dan l-ammont jitnaqqas wara li jiġi pprovdut dokument, iffirmat mill-avukati taż-żewġ partijiet b'dikjarazzjoni li, l-ammont uffiċjali kif huwa ddikjarat fil-kuntratt tas-separazzjoni qiegħed fil-fatt jitħallas.

(v) Mid-dħul annwali jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet għas-Sigurtà Nazzjonali, kull għajnuna medika jew kull benefiċċju soċjali li l-Awtorità tista' fid-diskrezzjoni assoluta tagħha teskludi minn żmien għal żmien.

Iċ-*Chairman* tal-Awtorità jista' jirrifjuta bħala inaċċettabbli, dikjarazzjoni tad-dħul tal-applikanti jekk fid-diskrezzjoni assoluta tagħha l-Awtorità jidhrilha illi din mhux korretta jew vera.

F'dan il-każ, l-Awtorità għandha tirreferi l-każ lill-Bord Amministrattiv ta' Pariri (Advisory Board) maħtur mill-Bord tal-Awtorità tad-Djar, sabiex dan jistabbilixxi d-dħul tal-applikanti. Il-parir tal-Bord tkun finali u torbot kemm lill-Awtorità kif ukoll lill-applikanti. L-applikanti milquta għandhom id-dritt jagħmlu r-rappreżentazzjonijiet tagħhom quddiem il-tal-Bord.

11. Għotja għal Xogħlijiet ta' Rranġar u Titjib

(i) Perċentaġġ ta' Għajnuna

L-għajnuna fi flus għax-xogħlijiet relatati ma' struttura perikoluza tkun bażata fuq id-dħul annwu aggregat u skont l-iskeda segwenti:

Ammont ta' Dħul Sena Preċedenti €	**Perċentwali ta' Għajnuna**
0 – 9,000	100%
9,001 – 13,000	80%
13,001 – 17,000	60%
17,001 – 21,000	40%
21,001 – 25,000	20%
25,001 u aktar	Xejn

stocks, shares, loans, rents, investments in commercial enterprises, other investments in property, including capital gains;

(iii) for the purpose of this application, the aggregate annual income of the applicants shall be the income of the applicant/s determined in accordance with the foregoing paragraphs of this article. Yet the Authority shall not be bound to accept any declaration, documents or information given to it by the applicants or beneficiaries under this Scheme, should it reasonably consider such declaration, documents or information incorrect or untrue.

(iv) from the gross annual income of a separated person any amount paid to the other part as alimony will be deducted. This amount will be deducted after a document is provided, signed by the lawyers of both parties, with a declaration that the official amount as declared in the Deed of Separation is in fact being paid.

(v) From the Annual Income will be deducted the National Insurance Contributions, any disability assistance and any social benefits which the Housing Authority may at its absolute discretion exclude from time to time.

The Chairman of the Authority may refuse to accept any declaration of income of the applicants if, in the Authority's absolute discretion decides that this is incorrect or untrue.

In this case the Authority is to refer the matter to the Advisory Board of the Housing Authority appointed by the Housing Authority Board, in order to establish the income of the applicants/beneficiaries. The advice of the Board will be final and shall bind both the Authority and the applicants/beneficiaries. The applicants/beneficiaries effected by this provision have the right to make written objections to the Advisory Board.

11. Adaptation Cash grant

(i) Percentage of Adaptation Cash Assistance

The adaptation cash assistance subsidy shall be based on the aggregate annual income according to the following schedules:

Aggregate Annual Income for a Basic Calendar Year €	**Percentage of Subsidy**
0 – 9,000	100%
9,001 – 13,000	80%
13,001 – 17,000	60%
17,001 – 21,000	40%
21,001 – 25,000	20%
25,001 and over	Nil

Id-dħul annwu għas-sena bażi fit-Tabella fuq indikata jkun rivedut kull sena bl-ammont ta' awment a bażi ta' kull sena tan-*National Minimum Wage*.

Membru tal-familja għandu jinkludi biss:-

(1) l-applikant; u

(2) tfal li jgħixu fil-familja li jinkludi tfal *fostered*, neputijiet jew tfal relatati mal-applikant sat-tieni grad anke fil-linja kollaterali. It-tfal iridu jkunu:-

(i) mhux miżżewġa; u
(ii) dipendenti mill-applikant; u
(iii) bla impjieg; u
(iv) taħt it-tmintax-il sena.

L-età ma tapplikax għall-persuni rreġistrati bħala *disabled*.

(ii) Għajnuna fi flus għal Xogħlijiet relatati ma' Strutturi Perikoluż

(a) B'riserva għal dak li jingħad hawn taħt, l-applikant li jikkwalifika għall-għajnuna taħt din l-iskema jista' japplika għall-għajnuna f'forma ta' għotja fi flus sa massimu ta' €7,000 bl-iskop li Proprjetà tiġi reża fi stat tajjeb ta' abitazzjoni u mingħajr perikolu.

(b) l-għajnuna fi flus tingħata għal xogħlijiet sabiex tigi eliminata kull struttura perikoluża.

(iii) l-għajnuna fi flus għax-xogħlijiet sabiex tiġi eliminata kull struttura perikoluża ma tingħatax mill-Awtorità tad-Djar:

(a) għax-xogħlijiet li jkunu diġà saru qabel l-approvazzjoni tal-applikazzjoni biex isir dan ix-xogħol, u jekk dan ix-xogħol ma jkunx ġie ċertifikat bħala neċessarju minn Perit nominat milll-Awtorità għal dan l-iskop; u/jew

(b) jekk il-permessi kollha rikjesti mill-liġi ma jkunux miġjuba.

(iv) L-għajnuna ta' flus għal xogħlijiet taħt din l-iskema ma għandhiex teċċedi l-ispiża totali u raġonevoli tax-xogħlijiet li għandhom isiru bl-approvazzjoni tal-Awtorità u f'kull każ ma għandhiex teċċedi s-somma ta' €7,000.

Kull pagament isir wara li l-applikanti jagħmlu huma stess ix-xogħol kollu u jkunu ppreżentati riċevuti fiskali tax-

The annual income for the basic year above indicated in tables above shall be reviewed every two years by the amount of increase on a yearly basis other National Minimum Wage.

Member of the Family is to include only:-

(1) the applicant, and

(2) children living in the household including fostered children, grand children *(neputijiet)* or children related to the applicant up to the second degree even in the collateral line. The children must be:-

(i) not married; and
(ii) dependent on the applicant; and
(iii) not gainfully employed; and
(iv) nunder 18 years of age.

The age limit must not apply to persons registered as disabled.

(ii) Adaptation Cash Assistance

(a) Subject to what is stated below, an applicant, who qualifies for Assistance under this Scheme may apply for assistance from the Authority by way of an Adaptation Cash Assistance up to a maximum of €7,000 for the purpose of rendering the private dwelling house of an acceptable standard should it be, at the time of the application, of a sub-standard level or dangerous.

Avviż Nru. DT-NCPE/07/2013. Offerta għal servizz ta' Espert Estern għall-Proġett JUST/2012/PROG/AG/3717 - Insaħħu d-Drittijiet għall-Ugwaljanza.

Mistoqsijiet jistgħu jintbagħtu fuq (equality@gov.mt) sa mhux aktar tard mit-Tnejn, it-18 ta' Novembru, 2013. Fl-*email* għandhom jiġu speċifikati r-referenza tal-pubblikazzjoni u t-titlu tal-offerta. Laqgħa ta' kjarifikazzjoni se ssir nhar il-Ħamis, is-7 ta' Novembru 2013 fl-10.00 a.m. fl-uffiċċju tal-NCPE. Is-sottomissjonijiet jintlaqgħu direttament fl-uffiċini tal-NCPE, sa mhux aktar tard mit-Tnejn, il-25 ta' Novembru, 2013, fl-10.00 a.m.. It-termini ta' referenza jistgħu jinġabru mill-uffiċini tagħna jew billi tibgħatilna *e-mail* (ara d-dettalji hawn taħt).

Persuni interessati f'din is-sejħa għall-offerti għandhom jinfurmaw lill-NCPE bl-interess tagħhom sabiex ikunu jistgħu jiġu infurmati immedjatament bi kwalunkwe komunikazzjoni/kjarifika relatata.

NCPE
Gattard House, Triq Nazzjonali,
Blata l-Bajda HMR 9010
Tel: 2590 3850, *Fax:* 2590 3851
Email: (equality@gov.mt);
Website: (www.equality.gov.mt).

Id-29 ta' Ottubru, 2013


Advt. No. DT-NCPE/07/2013. Services Tender for External Expertise for the Project JUST/2012/PROG/AG/3717 – Enhancing Equal Rights.

Any queries should be sent to (equality@gov.mt) by not later than Monday, 18th November, 2013 specifying the publication reference and the tender title. Clarification Meetings will be held on Thursday 7th November 2013 at 10.00 a.m. at NCPE premises. Closing date for submission of tenders is Monday 25th November 2013 at 10.00 a.m. All submissions should be hand-delivered to our offices. Terms of reference can be obtained from our offices or by sending an email (see details below).

Interested bidders are to register their interest with NCPE so that they can be notified immediately of any communication/clarification issued in relation to such tender.

NCPE
Gattard House, Triq Nazzjonali
Blata l-Bajda HMR 9010
Tel: 2590 3850 Fax: 2590 3851
Email: (equality@gov.mt)
Website: (www.equality.gov.mt).

29th October, 2013



Dan il-proġett qed isir bl-appoġġ tal-Programm tal-Unjoni Ewropea għal Impiegi u Solidarjetà Soċjali - PROGRESS (2007-2013)
Dan il-programm qed jigi implimentat mill-Kummissjoni Ewropea.



This Project is supported by the European Union Programme for Employment and Social Solidarity PROGRESS (2007-2013)
This programme is implemented by the European Commission

TRANSPORT MALTA

Transport Malta tgħarraf illi:-

Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-22 ta' Novembru, 2013, fil-Kaxxa tal-Offerti *(Reception* - Livell 0), Transport Malta, Malta Transport Centre, Xatt l-Għassara tal-Għeneb, Il-Marsa MRS 1917, jintlaqgħu offerti magħluqin, kompluti bid-dokumenti kollha meħtieġa, għal:-

Avviż. Nru. TM 042/2013. Provvista ta' tliet (3) *full electric quadricycles* għall-OP Italja-Malta (2007-2013) Proġett Strateġiku "Port PVEV - *Demonstrating how to make ports more energy efficient as well as demonstrating the use of Electric Mobility in ports and port areas*". Kodiċi tal-Proġett: B1-2.29/17.

Id-dokument tal-offerta huwa mingħajr ħlas.

TRANSPORT MALTA

Transport Malta notifies that:-

Sealed tenders complete with all required documents are to be submitted in Transport Malta (Reception – Level 0), Xatt l-Għassara tal-Għeneb, Marsa, up to Friday, 22nd November, 2013, for:-

Advt. No. TM 042/2013. Supply of three (3) full electric quadricycles for the OP Italia-Malta (2007-13) Strategic Project "Port PVEV - Demonstrating how to make ports more energy efficient as well as demonstrating the use of Electric Mobility in ports and port areas". Project Code: B1-2.29/17.


The tender document is free of charge.

Offerti jistgħu jinkisbu mill-*Procurement Unit* ta' Transport Malta, Livell 4, Malta Transport Centre, Xatt l-Għassara tal-Għeneb, Il-Marsa.

Id-29 ta' Ottubru, 2013

The tender document can be collected from Transport Malta, Procurement Department (Level 4), Xatt l-Għassara tal-Għeneb, Marsa.

29th October, 2013



Programm Italja -Malta Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
Bosta opportunitajiet għall-futur
Dan il-proġett huwa parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali(FEŻR)
Rata ta' ko-finanzjament: 85% Fondi UE; 15% Fondi Nazzjonali
Ninvestu fil-futur tiegħek



Italy-Malta Programme – Cohesion Policy 2007 - 2013
A sea of opportunities for the future
This project is part-financed by the European Union
European Regional Development Fund (ERDF)
Co-financing rate: 85% EU Funds; 15% National Funds
Investing in your future

KUNSILL LOKALI IL-MARSA

Il-Kunsill Lokali Il-Marsa jgħarraf li:

Sas-1.15 p.m. tat-Tnejn, it-18 ta' Novembru, 2013 jilqa' kwotazzjonijiet magħluqin fl-Uffiċċju tal-Kunsill għal:

Kwot. No. 08/13. Provvista ta' *tablets* biex jintużaw f'konferenza.

Id-dettalji kollha jinsabu fid-dokumenti relatati li jinġabru mill-Uffiċċju tal-Kunsill.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta l-aktar offerta vantaġġuża.

Id-29 ta' Ottubru, 2013

MARSA LOCAL COUNCIL

The Marsa Local Council notifies that:

Sealed quotations will be received up to 1.15 p.m. of Monday, 18th November, 2013 for:

Quot. No. 08/13. Supply of tablets for conference use.

Detailed information related to these quotations could be collected from the Local Council's Office.

The Council reserves the right to refuse even the most advantageous offer.

29th October, 2013

KUNSILL LOKALI BIRŻEBBUĠA

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa jgħarraf li:

Sa nofsinhar ta' nhar l-Erbgħa, it-13 ta' Novembru, 2013, fl-uffiċċju amministrattiv jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqa għal:

Kwot. 08/13. *Online streaming* tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Id-29 ta' Ottubru, 2013

BIRŻEBBUĠA LOCAL COUNCIL

The Birzebbuga Local Council notifies that:

Sealed quotations will be received at the Council administrative offices up to noon on Wednesday, 13th November, 2013 for:

Quot. No. 08/13. Online streaming of Birżebbuga Local Council Meetings.

Further information may be obtained from the administrative office.

The Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

29th October, 2013

KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR

Il-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar jgħarraf li:

Sa nofsinhar tat-Tlieta, il-5 ta' Novembru, 2013, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħlquin għal:

Kwot. Nru. SPBLC-Q 05-13. Xiri ta' karozza użata.

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu mill-Kunsill permezz tat-telefon 2158 5888 jew bl-*email* (sanpawlil-bahar.lc@gov.mt).

Id-29 ta' Ottubru, 2013

KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA

Il-Kunsill Lokali Tas-Sliema jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ħamis, is-7 ta' Novembru, 2013, fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. SLC/T/628/13. Kiri u installazzjoni ta' dwal tal-Milied fit-toroq ta' Tas-Sliema.

Għandu jitħallas dritt ta' €25 għall kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Id-dokumenti tal-offerta jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali, Triq Depiro, Tas-Sliema, bejn it-Tnejn u l-Ġimgħa mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m.

L-offerti mitfugħa jinfetħu fil-pubbliku wara l-ħin tal-għeluq stipulat fl-istess ġurnata.

Id-29 ta' Ottubru, 2013

KUNSILL LOKALI IL-MELLIEĦA

Il-Kunsill Lokali Il-Mellieħa jikkunsidra kwotazzjonijiet magħluqin li jaslu fl-Uffiċċju Amministrattiv, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, it-2 ta' Diċembru, 2013 dwar is-servizzi li ġejjin:

Kwot. Nru. 7/2013. Ġbir ta' skart goff.

Id-dokumenti tal-offerta jinkisbu mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill wara li jitħallas id-dritt ta' €30. Is-sottomissjonijiet għandhom isiru fuq il-formoli mehmuża mal-istess dokument. Il-kwotazzjonijiet jinfetħu fil-pubbliku eżattament wara l-ħin tal-għeluq. Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta anke l-aktar kwotazzjoni li tidher vantaġġuża.

Is-Segretarjat tal-Kunsill jista' jiġi kkuntattjat fuq in-numri tat-telefon: 215 21333/2152 3230, tal-*fax*: 2152 1666 jew permezz tal-*email*: (mellieha.lc@gov.mt).

Id-29 ta' Ottubru, 2013

SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL

The San Pawl il-Baħar Local Council notifies that:

Sealed quotations will be received up to noon of Tuesday, 5th November, 2013 for:

Quot. No. SPBLC-Q 05-13. Purchase of 2nd hand car.

Further information may be obtained from the Council on 2158 5888 or via email at (sanpawlil-bahar.lc@gov.mt).

29th October, 2013

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL

The Tas-Sliema Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Tas-Sliema Local Council's Office up to noon of Thursday, 7th November, 2013, for:-

Advt. No. SLC/T/628/201. Rental and installation of Christmas street light decorations in Tas-Sliema.

A fee of €25 is to be paid for every copy of tender document.

Tender documents may be obtained from the Local Council's Office, Triq Depiro, Tas-Sliema, between Monday and Friday from 8.00 a.m. and 1.00 p.m.

Tenders received will be opened in public after the closing time stipulated on the same day.

29th October, 2013

MELLIEĦA LOCAL COUNCIL

The Mellieħa Local Council will consider sealed quotations submitted at its Administrative Office, by not later than noon of Monday, 2nd December, 2013, for the following services:

Quot. No. 7/2013. Collection of bulky refuse.

Tender documents are obtainable from the Council's administrative office against a payment of €30. Submissions are to be made on the forms provided with the quotation document. All quotations will be opened in public immediately after closing time. The Council reserves the right to refuse even the most seemingly advantageous quotation.

The Council Secretariat may be contacted on the Local Council's telephone numbers: 2152 1333/2152 3230, fax number: 2152 1666 or via email: (mellieha.lc@gov.mt).

29th October, 2013

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1668

B'digriet mogħti, fil-21 ta' Ġunju, 2013, mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Il-Kummissarju tat-Taxxi vs Martina Fricke (K.I. 47856A) rikors numru 25/2013 AE, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' hawn taħt, biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenuta, a tenur tal-Artikolu 187(3) et. tal-Kap. 12.

By means of a decree given, on the 21st June, 2013, by the Civil Court First Hall, in the records of the Sworn Application, in the names Commissioner for Revenue vs Martina Fricke (I.D. 47856A) application number 25/2013 AE, the following publication was ordered for the purpose of service of the defendants, in terms of Article 187(3) et. of Chapter 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Il-Kummissarju tat-Taxxi vs Martina Fricke (K.I. 47856A) fl-14 ta' Jannar, 2013, ir-rikorrenti Kummissarju tat-Taxxi, espona bir-rispett;

By means of an Application filed in the First Hall Civil Court, in the names Commissioner for Revenue vs Martina Fricke (I.D. 47856A) on the 14th January, 2013, the applicant Commissioner for Revenue, respectfuly pleaded;

Illi d-Direttiva tal-Kunsill Nru. 2010/24/UE tas-16 ta' Marzu, 2010, dwar l-Assistenza Reċiproka għall-Irkupru ta' talbiet relatati ma' Taxxi, Dazji u Miżuri Oħra hija implimentata u soġġetta għal-liġi ta' Malta permezz tal-Ordni tal-2012, dwar l-Assistenza Reciproka għall-Irkupru ta' Talbiet li għandhom x'jaqsmu ma' Taxxi, Dazji u Miżuri oħra (Avviż Legali Nru 153 tas-sena 2012);

That Council Directive No. 2010/24/EU of the 16th March, 2010, concerning mutual assistance for the recovery of claims relating to taxes, duties and other measures was adopted and is subject to the laws of Malta by means of the Order of 2012 on the Mutual Assistance for the Recovery of Claims relating to Taxes, Duties and other Measures Order 2012, (Legal Notice 153 of 2012);

Illi bis-saħħa ta' din l-Ordni u ta' din id-Direttiva, il-Kummissarju tat-Taxxi f'isem il-Ministeru tal-Finanzi, bħala l-Awtorità kompetenti f'Malta, hu mogħti l-poter sabiex meta jkun hemm talba valida minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea hu jkun jista' jiġbor it-taxxa dovuta lil dak l-Istat Membru meta tali persuna li għandha dak id-dejn tkun tinsab f'Malta;

That by virtue of this Order and Directive, the Commissioner for Revenue on behalf of the Minister responsible for Finance, as the competent authority in Malta, is granted the power, upon a valid request by a Member State of the European Union, to take action to recover the tax due to that Member State when the person owing such tax is present in Malta;

Illi skont l-istess Ordni u Direttiva tali talba minn Stat Membru tiġi ttrattata bħal li kieku din kienet talba dwar dejn ċivili dovut lil Gvern ta' Malta u li l-awtorità kompetenti f' Malta tkun awtorizzata kif tmiss li tiġbor;

That in acordance with the said Order and Directive upon a request by a Member State to take action for the recovery of a claim, such claim shall be treated as if it were a claim for a civil debt due to the Government of Malta which the competent authority of Malta is duly authorised to collect;

Illi l-intimata ġiet notifikata mill-awtorità kompetenti Ġermaniża, membru tal-Unjoni Ewropea, bħala persuna li għandha kont ta' Taxxa fuq il-Valur Miżjud, fl-ammont ta' tlett elef u disa' mitt Ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€3,900.87) u dan kif jirriżulta mill-istrument anness ma' dan ir-rikors bħala Dok.A. flimkien mal-imgħaxijiet, skont il-liġijiet ta' Malta, dovuti mill-intimata mid-data tan-notifika ta' dan ir-rikors, sad-data tal-pagament effettiv;

That the respondent was indicated by the competent authority of Germany, a Member State of the European Union, as a person with a Value Added Tax liability in the amount of three thousand nine hundred Euro and eighty seven cents (€3,900.87) as indicated in the attached instrument marked as Doc A together with interest, in accordnance with the laws of Malta, due by the respondent from the date of notification of the present application till the date of effective payment;

Illi l-esponent hu sodisfatt illi fir-rigward ta' din it-talba ġew imħarsa l-ħtiġijiet kollha relevanti tad-Direttiva hawn fuq imsemmija;

That the applicant is statisfied that all the relevant requirements of the said Directive with regard to the present claim have been complied with;

Illi l-intimata hi indikata li tinsab f' Malta u li għalhekk ir-rikorrent għandu d-dritt li jiġbor mingħandha l-ammont hawn fuq imsemmi f' isem l-awtorita' kompetenti tal-pajjiż membru tal-Unjoni Ewropea hawn fuq imsemmi;

That the respondent is present in Malta and therefore the applicant has the right to recover from the respondent the above mentioned amount on behalf of the competent authority of the abovementioned Member State of the European Union;

Illi skont l-Ordni u d-Direttiva hawn fuq imsemmija din il-Qorti, hija mogħtija l-poter u l-obbligu li tirreġistra d-dokument anness ma' dan ir-rikors u dak id-dokument għandu malli jsir dan jikkostitwixxi titolu eżekuttiv, kif ukoll li tinnotifika lil-intimata b' dan ir-rikors u bid-dokument miegħu anness.

Għaldaqstant, l-esponent skont il-poteri lilu mogħtija ai termini tad-Direttiva hawn fuq imsemmija, jitlob bir-rispett lil din il-Qorti jogħġobha, fl-ewwel lok tordna r-reġistrazzjoni tad-dokument anness ma' dan ir-rikors bħala kopja uffiċjali tagħha biex b'hekk l-istess dokument jikkostitwixxi titolu eżekuttiv u fit-tieni lok tordna li kopja ta' dan ir-rikors u tad-dokument miegħu anness jiġu notifikati lill-intimata skont id-disposizzjonijet relevanti tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, bħallikieku dan ir-rikors u dan id-dokument kienu att ġudizzjarju.

Rikorrent: Centre Point Building, Ta' Paris Road, B'kara.

Intimata: Aurora, Flat 2,Triq Salvu Dimech, Mosta.

Ir-Rikors fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxi vs Fricke Martina, rikors numru 25/2013 AE, jinsab differit għas-smigħ għas-16 ta' Diċembru 2013, fit-8.30 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Ottubru, 2013.

AVV. FRANK PORTELLI, LLD.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

That in accordance with the abovementioned Order and Directive, this Court is granted the power and the obligation to order the registration of the document attached to the present application and that document shall thereupon constitute an executive title and also to order that a copy of the person application and of the attached document to be served on the debtor.

Therefore the applicant, in accordance with the powers granted to him by virtue of the abovementioned Directive, humbly requests this Court to order, firstly the registration of the document attached with the present application, as an official copy so that the said document shall constitute an executive title and secondly that a copy of the present application and the attached document be served on the debtor in accordance with the relevant provisions of Chapter 12 of the laws of Malta, as if the present application and attached documents were a judicial act.

Applicant: Centre Point Building, Ta' Paris Road, B'kara.

Respondent: Aurora, Flat 2, Triq Salvu Dimech, Mosta.

The Application in the names Commissioner for Revenue, vs Fricke Martina, application number 25/2013 AE, has been put off for hearing to the 16th December, 2013, at 8.30 a.m.

Reġistry of the Superior Courts, today 23rd October 2013.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar,Civil Courts and Tribunals

1669

Bandu għall-Kuraturi,

Repubblika ta' Malta,

Lill-Marixxall tal-Qrati.

B'digriet mogħti minn din il-Qorti, fid- 9 ta'Ottubru 2013, fuq talba ta' F.A. Limited, ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-imsiefer Giuseppe Mosciaro, wieħed mid-diretturi ta' Photo Play Malta Limited, fl-atti tar-Rikors Numru 451/12JZM fl-ismijiet F.A. Limited vs Kuraturi Deputati, u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors, ippreżentat, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-atti tar-Rikors 451/12 JZM, Diff għas-smigħ għall-14 ta' Novembru 2013, fid-9.00 a.m., fil-kawża Rikors Numru 451/12 JZM, fl-ismijiet F.A. Limited vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-imsiefer Giuseppe Mosciaro wieħed mid-diretturi ta' Photo Play Malta Limited,

Bann for Curators,

Republic of Malta,

To the Court Marshall

By means of a decree given by this Court, on the 9th October 2013, following a request of F.A. Limited, it was ordered that deputy curators be chosen to represent the absent Giuseppe Mosciaro, one of the directors of Phoyo Play Malta Limited, in the records of the Application Number 451/12 JZM, in the names F.A. Limited vs Deputy Curators and in the relative and subsequent acts.

By means of a Sworn Application, filed, in the First Hall Civil Court, in the records of the Application 451/12 JZM, Put off. for hearing to the 14th November 2013, at 9.00 a.m., in the cause Application number 451/12 JZM, in the names Giuseppe Mosciaro one of the directors of Photo Play Malta Limited, a person of Italian nationality, with the last address

persuna ta' nazzjonalità Taljana, bl-aħħar indirizz ikun dak ta' Casa Italia, Garden Guildings, Block C, Triq tal-Labour, Żabbar, is-soċjetà rikorrenti talbet biex jinħatru kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil Giuseppe Mosciaro, in konnessjoni mar-rikors ġuramentat bin-numru 451/12 JZM, fl-ismijiet F.A. Limited vs Photo PLay Malta Limited u ma' kull att ieħor relattiv u sussegwenti.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet F.A. Limited vs Photo Play Malta Limited rikors numru 451/12 JZM, jinsab differit għas-smigħ għall-14 ta' Novembru 2013, fid-9.00 a.m.

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min jrid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Civili Prim'Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Joseph Zammt Mckeon LL.D., Duttur tal-Liġi.

Illum 9 ta' Ottubru 2013.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 24 ta'Ottubru 2013.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

being Casa Italia, Garden Buildings, Block C, Triq Tal-Labour, Zabbar, the applicant company asked that deputy curators be appointed to represent Giuseppe Mosciaro, in connection with the sworn application number 451/12 JZM, in the names F.A. Limited vs Photo Play Malta Limited and in every relative and subsequent act.

The Sworn Application in the names F.A. Limited vs Photo Play Malta Limited, application number 451/12 JZM, has been put off for hearing to the 14th November 2013, at 9.00 a.m.

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of this bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned,with the witness of the Hon. Mr. Justice Joseph Zammit Mckeon LLD,Doctor of Laws.

Today 9th October 2013.

Registry of the Superior Courts, today 24th October 2013.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1670

AVVIŻ
MIR-REĠISTRU
QORTI ĊIVILI (SEZZJONI FAMILJA)

Billi r-rikorrenti Jessica Bilocca (KI 308992M) ippreżentat rikors ġuramentat (Nru. 222/13 AL) fejn talbet il-KORREZZJONI TAL-ATT TAT-TWELID tal-minuri Kieren Bilocca bin-numru 1197/2011 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

NOTICE
REGISTRY OF THE
CIVIL COURT (FAMILY SECTION)

Whereas the plaintiff Jessica Bilocca (ID 308992M) filed an application under oath (No. 222/13 AL) demanding CORRECTIONS the ACT OF BIRTH of the minor Kieren Bilocca number 1197/2011 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri, Illum 25 ta' Ottubru, 2013

RITA MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court, This 25th October, 2013

RITA MANGION
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

1671

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxal tal-Qrati,

B' digriet mogħti minn din il-Qorti, fis-16 ta' Ottubru 2013, fuq talba ta'Christian Grech , ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Elena Vladimirovna Pryadko, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat 206/13 AL fl-ismijiet 'Christian Grech vs Kuraturi Deputati'u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors,ippreżentat, fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), fl-ismijiet Christian Grech (K.I. 0615281M) vs Kuraturi Deputati nominati sabiex jirrappreżentaw l-assenti Elena Vladimirovna Pryadko persuna ta' nazzjonalità Russa, fl-14 ta' Ottubru 2013, ir-rikorrenti Christian Grech (K.I. 0615281M) talab lil din l-Onorabbli Qorti;

1.Tiddikjara u tordna s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minħabba raġunijiet premessi fir-rikors u rikonoxxuti fil-Liġi, 2.Tapplika kontra l-intimata l-effetti u penalitajiet stabbiliti fl-Artikolu 48 u 51 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, 3. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u konsegwentement tiddikjara l-ħall taż-żwieġ iċċelebrat bejn il-partijiet nhar it-3 ta' Ġunju 2005, ai termini tal-Artikolu 66C tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors.

Bl-ispejjeż, kontra l-intimata minn issa inġunta għas-subizzjoni.

Rikorrenti: Corradino Correctional Facility, Paola.

Intimata: Kuraturi Deputati.

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u sseġjaħ b'dan lil kull min jrid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f' dan ir-Reġistru u jagħmel b' nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Bann for Curators

Republic of Malta

To The Marshall of the Court,

By means of a decree by this Court, on the 16th October 2013, following a request of Christian Grech, it was ordered that deputy curators be chosen to represent the absent Elena Vladimirovna Pryadko, in the records of the Sworn Application, 206/13 AL, in the names 'Christian Grech vs Deputy Curators' and in the relative and subsequent acts.

By means of an Application, filed, in the Civil Court (Family Section) in the names Christian Grech (I.D. 0615281M) vs Deputy Curators appointed to represent the absent Elena Vladimirovna Pryadko, a person of Russian nationality, on the 14th October 2013, the applicant Christian Grech (I.D. 0615281M) asked this Honourable Court;

1. To declare and order the personal separation between the parties due to reasons premised in the application and recognised at law, 2. Apply against the respondent the effects and penalties established in Article 48 and 51 of Chapter 16 of the Laws of Malta, 3. Pronounce the divorce between the parties and consequently declare the dissolution of the marriage celebrated between the parties on the 3rd June 2005, in terms of Article 66C of Chapter 16 of the Laws of Malta and uphold the other demands in the application.

With costs, against the respondent from now summoned so that a reference to her evidence be made.

Applicant: Corradino Correctional Facility, Paola.

Respondent: Deputy Curators.

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti , din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili(Sezzjoni tal-Familja) hawn fuq imsemmija bix-xhieda ta l-Onor. Imħallef Joseph R. Micallef LL.D., Duttur tal-Ligi.

Illum 18 ta' Ottubru 2013.

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), illum 25 ta' Ottubru 2013.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of this bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First (Family Section) above mentioned, with the witness of the Hon. Mr. Joseph R. Micallef LL.D., Doctor of Laws.

Today 18th October 2013.

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 25th October 2013.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1672

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-22 ta' Ottubru 2013, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (Maġistrat Dott. Claire L. Stafrace Zammit LL.D.) wara rikors magħmul minn Vincenza sive Vivienne Mifsud u Tarċisju Mifsud datat 23 ta' Settembru 2013 u wara rikors magħmul minn Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Ltd datat 10 ta' Ottubru 2013 fil-kawża (Kumpilazzjoni Numru 191/2013) fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(Supretendent Paul Vassallo)
(Spettur Jonathan Ferris)

Kontra

TARĊISJU MIFSUD, 68 sena, pensjonant, iben Philip u Salvina xebba Zammit, imwieled Żebbuġ, fit-30 ta' Novembru, 1944 u residenti 28, 'Molineux', Triq Guliermo Lorenzi, Żebbuġ u detentur tal-karta tal-identità b'numru 1065644 (M).

AĊĊETTAT it-talba ta' Vincenza sive Vivienne Mifsud u Tarċisju Mifusd kif ukoll ta' Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Ltd fis-sens illi Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Ltd hija awtorizzata sabiex tħallas lil Vincenza sive Vivienne Mifsud is-somma ta' erba' mitt ewro (€400), liema somma hija naxxenti minn claim magħmul minn Vincenza sive Vivienne Mifsud u Tarċisju Mifsud lil Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Ltd.

L-istess pubblikazzjoni qed issir ai termini tal- Artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta u tal- Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta in segwitu ta' pubblikazzjoni oħra li kienet

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 22nd October, 2013, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry – (Magistrate Dr Claire L. Stafrace Zammit LL.D) after an application filed by Vincenza sive Vivienne Mifsud and Tarċisju Mifsud dated 23rd September 2013 and after an application filed by Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Limited dated 10th October 2013, Compilation Number 191/2013 in the names:

The Police
(Superintendent Paul Vassallo)
(Inspector Jonathan Ferris)

versus:

TARĊISJU MIFSUD, 68 years, pensioner, son of Philip and Salvina née Zammit, born in Żebbuġ, on the 30th November, 1944 residing at 28, 'Molineux', Triq Guliermo Lorenzi, Żebbuġ and holder Identity card bearing number 1065644(M).

ACCEDED to the request of Vincenza sive Vivienne Mifsud and Tarċisju Mifusd and also of Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Limited in the sense that Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Limited is authorized to pay the sum of four hundred Euro (€400) to Vincenza sive Vivienne Mifsud, which sum arises from a claim made by Vincenza sive Vivienne Mifsud and Tarcisju Mifsud to Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Limited.

The publication of this order is being published in terms of Article 5 of the Prevention of Money Laundering Act, Chapter 373 of the Laws of Malta and Article 23A of the Criminal Code, Chapter 9 of the Laws of Malta,

saret fl-1 ta' Marzu 2013, wara digriet mogħti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fis- 26 ta' Frar 2013 fejn il-Qorti kienet ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali tal-flejjes u l-propjetà mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lill-imsemmi Tarċisju Mifsud jew li huma propjetà tiegħu.

Illum, 24 ta' Ottubru 2013
Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta)

DR JOHN SEYCHELL NAVARRO
Dip. Hlth Science, Dip Mgmt Stud., Dip. Not. Pub., LL.B., LL.D.
Assistent Reġistratur
Tribunali tal-Qrati Kriminali u Tribunali Kriminali (Malta)

following another publication made on the 1st March 2013 after a decree dated 26th of February 2013 of the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry, where the Court ordered the attachment in the hands of third parties in a general manner, all monies and other moveable and immoveable property which may be due to or belonging to Tarċisju Mifsud.

Today, 24th October 2013
Registry of the Courts of Criminal Judicature (Malta)

DR JOHN SEYCHELL NAVARRO
Dip. Hlth Science, Dip Mgmt Stud., Dip. Not. Pub., LL.B., LL.D.
Assistant Registrar
Criminal Courts and Criminal Tribunals(Malta)

1673

Permezz ta' digriet mogħti fis-26 ta' Awwissu 2013 mill-Qorti Civili Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2464/13, fl-ismijiet Avukat Dottor Nicolai Vella Falzon noe vs Oliver Osthus pro et noe, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili

Illum 14 ta' Awwissu 2013

Lil Oliver Osthus (KI 16560A) f'ismu proprju u għan-nom ta' O&N Developments Limited (C37167) ta' 18, Victor Denaro Street, Msida;

Permezz tal-preżenti, Avukat Dottor Nicolai Vella Falzon bħala mandatarju speċjali tal-kumpanija estera TIINA CONSULTING ta' Kotikylantie 4B – 27 Espoo, Finlandja, jinterpellawkom sabiex fi żmien ġimgħa minn dina l-ittra uffiċjali tħallsu s-somma ta' US$ 414,796 ekwivalenti għal ċirka €312,644, oltre l-imgħax legali rapprezentanti bilanċ minn somma akbar import ta' drittijiet dovuti minnkom lill-kumpanija mittenti skond kuntratt ta' servizzi ta' konsulenza ffirmat minnkom fl-11 ta' Novembru 2011. L-imgħax legali jiġi kkalkolat bl-ogħla rata skond il-liġi kummerċjali sad-data ta' pagament effettiv.

Intom avazati illi jekk tonqsu milli tħallsu s-somma fuq imsemmija flimkien mal-imgħaxijiet legali fiż-żmien mogħti lilkom il-kumpanija mittenti ser tipproċedi kontra tagħkom b'kawza u proċeduri oħra skont il-liġi u dan mingħajr preavviz ulterjuri.

Din l-ittra uffiċjali qed issir ukoll għall-fini tal-Artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili.

Tant biex tagħrfu timxu u tirregolaw ruħkom.

By means of a decree of the 26th August 2013 of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 2464/13, in the names Doctor of Laws Doctor Nicolai Vella Falzon noe vs Oliver Osthus pro et noe, the following publication was ordered for the purpose of effecting service in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 14th August 2013

To Oliver Osthus (ID 16560A) on his own capacity and on behalf of O&N Developments Limited (C37167) of 18, Victor Denaro Street, Msida.

By the present Doctor of Laws Doctor Nicolai Vella Falzon as special attorney of the foreign company TIINA CONSULTING of Kotikylantie 4B – 27 Espoo, Finland, calls upon you so that within one week from this letter you pay the sum of US$414,796 equivalent to approximately €312,644, besides legal interest representing the balance of a larger sum due by you by way of fees to the applicant company in terms of a contract of consultancy services signed by you on 11 November 2011. The legal interest is being calculated according to highest rate according to the commercial law up until the date of payment.

You are hereby informed that if you fail to pay the aforementioned sum together with legal interest within the stipulated time frame, the applicant company will proceed against you by filing a lawsuit and other procedures according to law and this without any further notice.

This judicial letter is also being filed for the purpose of Article 2128 of the Civil Code.

So much for your own guidance.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 25 ta' Ottubru 2013.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

With costs.

Registry of the Superior Courts today 25th October 2013.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1674

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fit-13 ta' Ġunju 2013, Rikors Numru 599/2013, minn Andrev Yurevich Khlystov nomine, fejn talab li tiġi ddikjarata miftuħa favur Avgeny Andreevic Kopylov u Kirill Andreevich Kopylov, ulied id-decujus u dan fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż kull wieħed is-SUĊĊESSJONI ta' Anna Rudolfovna Kopylova, imwielda u mietet Moska r-Russja fil-5 ta' Frar 2013 u li mietet bla testment.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur tal-Artikolu 537 (1) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja.

Illum 25 ta' Ottubru 2013.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 13th June 2013, Application number 599/2013 by Andrev Yurevich Khlystov nomine, whereby he prayed that it be declared open in favour of Avgeny Andreevic Kopylov and Kirill Andreevich Kopylov, children of the decujus and this in the quota of one half (1/2) undivided share each one of them the SUCCESSION of Anna Rudolfovna Kopylova, born and died in Mosca, Russia on the 5th February 2013, who died intestate.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap 12).

Registry of the Civil Court Voluntary Jurisdiction Section.

Today 25th October 2013.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Court and Tribunals

1675

Illi b'digriet tat-Tribunal tal-Konsumaturi, tat-12 ta' Settembru 2013, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Miriam Chetcuti ta' 45 Walnut Grove, Triq Ġużi Abela, Zejtun, preżentat Talba, fit-23 ta' April 2013, fejn talbet lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Johnny Saliba ta' Saliba Marble & Granite Centre, 10-11, Qormi Road, Luqa, sabiex iħallas lill-attriċi s-somma ta' €2980 liema ammont huwa dovut lill-attur.

Il-kawża (CCT 128/13) hija differita għat-18 ta' Novembru 2013 fis-1.00p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 25 ta' Ottubru 2013.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Consumer Claims Tribunal of 12th September 2013, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12).

Miriam Chetcuti of 45, Walnut Grove, Triq Ġużi Abela, Zejtun, filed a Claim on the 23rd April 2013 whereby she asked the Tribunal to condemn Johnny Saliba of Saliba Marble & Granite Centre, 10-11, Qormi Road, Luqa, to pay the plaintiff the sum of €2980 which amount is due to the plaintiff.

The case (CCT Number 128/13) is put off on the 18th November 2013 at 1.00p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 25th October 2013.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1676

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fil-15 ta' Ottubru 2013, Rikors Numru 1005/2013, minn Joseph Farrugia, fejn talab li tiġi ddikjarata miftuħa favur Adelina Farrugia, omm id-decujus, Joseph, Carmel, John u Maryanne Gauci, ilkoll aħwa Farrugia u dan fi kwoti indaqs bejniethom is-SUĊĊESSJONI ta' oħtu Lucienne Farrugia, legalment separata, bint il-mejjet Albert Farrugia u Adelina née Xuereb, imwielda Pieta, kienet residenti Tarxien u mietet Floriana fit-8 ta' Ġunju 2013 ta' 43 sena u li kellha karta tal-identità bin-numru 436369(M) u li mietet bla testment.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 537 (1) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja.

Illum 25 ta' Ottubru 2013.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 15th October 2013, Application number 1005/2013 by Joseph Farrugia, whereby he prayed that it be declared open in favour of Adelina Farrugia, mother of the decujus, Joseph, Carmel, John and Maryanne Gauci, all brothers and sisters Farrugia in equal shares between them the SUCCESSION of his sister Lucienne Farrugia, legally separated, daughter of the late Albert Farrugia and Adelina nee Xuereb, born in Pieta, resided in Tarxien and died in Floriana on the 8th June 2013 aged 43 holding idenity card number 436369(M), who died intestate.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap 12).

Registry of the Civil Court Voluntary Jurisdiction Section.

Today 25th October 2013.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Court and Tribunals

1677

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Civili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fis-16 ta' Ottubru 2013, Rikors Numru 1007/2013, minn Martin Farrugia et, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur l-istess Martin, Monica Camilleri u Anna Mifsud ilkoll aħwa Farrugia ulied id-decujus u dan fi kwota ta' sesta parti (1/6) indiviża kull wieħed u waħda minnhom; u favur Rose Farrugia, mart id-decujus, u dan fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż is-SUĊĊESSJONI ta' Salvatore Farrugia, iben il-mejtin Paolo Farrugia u Teresa née Gatt, imwieled u kien joqgħod il-Ħamrun u miet Tal-Qroqq limiti tal-Imsida fl-1 ta' Awwissu 2013 ta' 83 sena u li kellu karta tal-identita bin-numru 0243230(M) u li miet bla testment.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożiżżjoni tiegħu a tenur tal-Artikolu 537 (1) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Registru tal-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja.

Illum 25 ta' Ottubru 2013

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in Civili Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 16th October 2013, Application number 1007/2013 by Martin Farrugia et, whereby they prayed that it be declared open in favour of the same Martin, Monica Camilleri and Anna Mifsud all brother and sisters Farrugia, children of the decujus and this in the quota of one sixth (1/6) undivided part each one of them; and in favour of Rose Farrugia, wife of the decujus and this in the quota of one half (1/2) undivided share the SUCCESSION of Salvatore Farrugia, son of the late Paolo Farrugia and Teresa née Gatt, born and resided in Hamrun and died in Tal-Qroqq limits of Imsida on the 1st August 2013 aged 83 holding idenity card number 0243230(M), who died intestate.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

Registry of the Civil Court Voluntary Jurisdiction Section.

Today 25th October 2013

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrat Civil Court and Tribunals

1678

Permezz ta' digriet mogħti fit-12 ta' Ġunju 2013 mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 898/13, fl-ismijiet Louis Zammit et vs Mark Micallef, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili

Illum 26 ta' Marzu 2013

Lil Mark Micallef (KI 408764M) ta' 13, Marecchiare, Triq il-Fekruna, San Pawl il-Baħar.

Permezz tal-preżenti, Louis Zammit (KI 530260M), Dorothy Zammit Martaus (KI 569857M) u Josephine Lorraine Johnson (Passaport Malti 488200) ta' 24, Triq it-Torri, Qrendi, filwaqt li jirreferuk għall-kirja tal-fond sitwat f'Saint Anthony Street, Bugibba, limiti ta' San Pawl il-Baħar, bin-numru uffiċjali 66 u internament immarkat bin-numru 1, gja magħruf bħala Birmingham Flats, liema kirja hija regolata permezz ta' att fl-atti tan-Nutar Dr Elena Farrugia datat 26 ta' Novembru 2002 u kif ukoll jirreferuk għall-Artikolu 11 tal-att surreferit, jinterpellak sabiex fi żmien sebat (7) ijiem mid-data tan-notifika ta' din l-ittra uffiċjali tħallashom l-ammont ta' €12,363.03 ekwivalenti għal Lm5307.45, rapprezentanti bilanċ ta' arretrati ta' kera dovuta għall-perjodu mid-19 ta' April 2011 sas-26 ta' Marzu 2013.

F'każ li tibqa' inadempjenti fit-terminu lilek mogħti, il-kirja tittermina ipso iure u f'kaz li tonqos milli tivvaka u tirritorna l-pussess vakanti, ma jkunx hemm għażla oħra għajr li l-mittenti jieħdu l-proċeduri ġudizzjarji opportuni fil-konfront tiegħek sabiex tiġi żgumbrata mill-fond lokat u kif ukoll sabiex jirkupraw l-ammonti dovuti lilhom in linja ta' arretrati ta' kera, ammonti oħra talvolta dovuti u penali.

Din l-ittra uffiċjali qiegħda ssir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi inkluz izda mhux limitatament ai termini tal-Artikolu 1569 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tant sabiex tagħraf tirregola ruħek u tevita spejjez ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Registru tal-Qrati Superjuri, illum 25 ta' Ottubru 2013

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 12th June 2013 of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 898/13, in the names Louis Zammit et vs Mark Micallef, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 26th March 2013

To Mark Micallef (ID 408764M) of 13, Marecchiare, Triq il-Fekruna, San Pawl il-Baħar.

By the present Louis Zammit (ID 530260M), Dorothy Zammit Martaus (ID 569857M) and Josephine Lorraine Johnson (Maltese Passport 488200) of 24, Triq it-Torri, Qrendi, refer you to the lease of the premises situated in Saint Anthony Street, Buġibba, limits of San Pawl il-Baħar, with official number 66 and internally marked with number 1, already known as Birmingham Flats, which lease is regulated by means of a deed in the acts of Notary Dr Elena Farrugia dated 26th November 2002 and also refers you to article 11 of the mentioned act, solicits you so that within seven (7) days from the date of service of this judicial letter you pay the amount of €12,363.03 equivalent to Lm5307.45 representing the balance of the arrears of lease for the period from 19th April 2011 till the 26th March 2013.

If you remain in default in the time given to you, the lease will be terminated ipso iure and in case that you fail to vacate and return the vacant possession, there would be no alternative but for the interpellant to take the opportune judicial procedures on your behalf to be evicted from the premises and to recover the amount due by them as arrears of lease, other amounts due and penalties.

This judicial letter is being made for all the purposes and effects of law including but not limited in terms of Article 1569 of Chapter 16 of the Laws of Malta.

So much so that you may know how to regulate yourself and avoid further costs.

With costs.

Registry of the Superior Courts today 25th October 2013.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1679

Permezz ta' digriet mogħti fit-2 ta' Ottubru 2013, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 171/13, fl-ismijiet Simonds Farsons Cisk plc vs Ian Chircop Beck et, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-artikolu 187(3) tal-Kap 12.

